IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2017
COM(2017) 30 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

It-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini f'Unjoni ta' tibdil demokratiku

Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE

MT MT

Werrej

1. Introduzzjoni ... 3

2. Il-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri komuni tal-UE ... 4

2.1. Kif iċ-ċittadini jsiru jafu b'mod aktar faċli bid-drittijiet tal-UE tagħhom ... 4

2.2. It-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej ... 6

3. Il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE ... 8

3.1. It-tisħiħ tal-impenn taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku tal-UE ... 8

3.2. It-tisħiħ tat-trasparenza – lejn Unjoni aktar demokratika ... 10

3.3. L-aċċess għall-informazzjoni politika minn naħa għal oħra tal-fruntiera ... 10

3.4. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni ta' ċittadini mobbli tal-UE fil-ħajja politika ... 11

4. Is-simplifikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini tal-UE ... 12

4.1. It-tnaqqis tal-burokrazija u l-infurmar taċ-ċittadini ... 12

4.1.1. L-għoti ta' informazzjoni u assistenza liċ-ċittadini tal-UE li jkunu qed jiċċaqilqu minn pajjiż għal ieħor ... 13

4.1.2. It-tnaqqis tal-burokrazija fid-dokumenti pubbliċi taċ-ċittadini ... 14

4.1.3. It-tnaqqis tal-burokrazija fil-liġi tal-familja ... 14

4.2. Is-simplifikazzjoni tal-ivvjaġġar, il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol mal-UE kollha għaċ-ċittadini ... 15

4.2.1. Iż-żieda fl-opportunitajiet għall-istudenti, it-trainees, l-għalliema u ħaddiema oħra 15

4.2.2. Is-simplifikazzjoni ulterjuri biex wieħed jgħix u jivvjaġġa fl-UE ... 16

5. It-tisħiħ tas-sigurtà u l-promozzjoni tal-ugwaljanza ... 18

5.1. It-trattament tat-theddid għas-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċittadini ... 18

5.1.1. It-trattament tat-theddid għas-sigurtà fil-qasam tal-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali abbażi tal-fiduċja reċiproka ... 18

5.1.2. Il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE barra mill-pajjiż ... 19

5.2. Il-protezzjoni taċ-ċittadini kollha u l-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni ... 20

5.2.1. Il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi u x-xhieda ... 20

5.2.2. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni ... 21

6. Konklużjoni ... 23

1. INTRODUZZJONI

Bħala ċittadinanza kondiviża bejn l-Ewropej kollha, li tikkumplimenta u ma tissostitwixxix iċ-ċittadinanzi nazzjonali, iċ-ċittadinanza tal-UE tinkorpora d-drittijiet u l-valuri kondiviżi kif ukoll id-diversità rikka ta' Unjoni ta' nazzjonalitajiet u lingwi differenti.

It-Trattat ta' Lisbona u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kkonsolidaw id-drittijiet, l-opportunitajiet u s-salvagwardji taċ-ċittadinanza tal-UE. Dawn jinkludu l-libertà li wieħed jivvjaġġa, jaħdem u jistudja f'pajjiżi oħra tal-UE, li jipparteċipa fil-ħajja politika Ewropea u li jkun protett mid-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità.

Sabiex tifhem aħjar l-istat taċ-ċittadinanza tal-UE mal-Unjoni kollha u tivvaluta l-impatt tagħha fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej u l-bżonn għal aktar azzjoni, fl-2015 il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni ddedikata[1] u żewġ stħarriġiet dwar iċ-ċittadinanza tal-UE,[2] inkluż wieħed dwar id-drittijiet elettorali[3]. Hija organizzat ukoll avvenimenti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, b'mod partikolari mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Kumitat tar-Reġjuni[4]. Irċeviet feedback ieħor direttament miċ-ċittadini tal-UE u mill-partijiet ikkonċernati.[5]

Minħabba li ċ-ċittadinanza tal-UE ġiet l-ewwel imnaqqxa fit-Trattat ta' Maastricht ħamsa u għoxrin sena ilu, sar progress sinifikanti biex tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fil-prattika. Illum, żewġ terzi tal-Ewropej iħossu li huma ċittadini tal-UE, u dan iħossuh saħansitra aktar il-ġenerazzjonijiet aktar żgħażagħ[6].

Madanakollu, jeħtieġ li jsiru sforzi kontinwi sabiex ikun żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jafu d-drittijiet tagħhom u jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fil-proċess demokratiku Ewropew. Din hija prijorità politika għall-Kummissjoni, li appellat għall-ħolqien ta' Unjoni ta' tibdil demokratiku[7]. Huwa wkoll sforz konġunt li fih l-Istati Membri, il-parlamenti

---

1 Il-Konsultazzjoni pubblika dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, il-valuri komuni, id-drittijiet u l-parteċipazzjoni demokratika mnedija mill-Kummissjoni fl-14 ta' Settembru 2015 ("Konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE"), http://ec.europa.eu/justice/citizen/document/files/2015_public_consultation_booklet_en.pdf.

2 L-Ewrobarometru Flash 430 – iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea – Ottubru 2015 ("l-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE").

3 L-Ewrobarometru Flash 431 – id-Drittijiet Elettorali – Novembru 2015 ("l-EB tal-2015 dwar id-drittijiet elettorali").

4 Is-Seduta Konġunta ta' smigħ tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2016 "Iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni fil-prattika: il-valuri komuni, id-drittijiet u l-parteċipazzjoni demokratika tagħna"; ara wkoll il-konferenza dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE u l-Ġustizzja organizzata mill-presidenza tal-Lussemburgu fl-14 u l-15 ta' Settembru 2015 bl-appoġġ tal-Kummissjoni, http://www.eu2015lu.eu/en/agenda/2015/09/14-15-conf-cjue-citoyens/index.html. Ara wkoll il-konferenza organizzata b'mod konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar iċ-Ċittadinanza f'Oviedo, Settembru 2016: http://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item_id=34851.

5 Dan jinkludi lmenti u talbiet għall-informazzjoni minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll miċ-ċittadini, inkluż fil-qafas tal-portal L-Ewropa Tiegħek li rċieva l-210 000 mistoqsija tiegħu f'Diċembru 2016.

6 Skont l-EB Standard dwar iċ-ċittadinanza tal-UE mir-rebbiegħa 2016 ("l-EB Standard tal-2016 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE"), is-sens taċ-ċittadinanza Ewropea jinsab fit-tieni l-ogħla livell tiegħu mill-2010 'l hawn, b'66 % fuq livell globali (67 % fir-rebbiegħa tal-2015), 70 % fost dawk taħt il-50 sena, u 77 % fost dawk li għandhom 25 sena u anqas.

7 Jean-Claude Juncker, Bidu Ġdid għall-Ewropa: l-aġenda tiegħi għall-impjiegi, it-tkabbir, il-ġustizzja u t-tibdil demokratiku (linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss).

nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu flimkien biex isaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini tal-Ewropa fil-proġett komuni tagħna, għal Ewropa aqwa u iktar b'saħħitha[8].

Fl-2013 il-Kummissjoni ħabbret tnax-il inizjattiva ġdida f'sitt oqsma ewlenin biex tneħħi l-ostakli li għad baqa' biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tal-UE tagħhom[9]. Minn dak iż-żmien 'l hawn ħadet azzjoni fuq dawn l-azzjonijiet kollha[10].

B'dan it-tielet rapport dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, il-Kummissjoni tqis il-progress li sar skont il-prijoritajiet politiċi tagħha għall-impjiegi, it-tkabbir, il-ġustizzja u t-tibdil demokratiku. Ir-Rapport jistabbilixxi l-inizjattivi ewlenin li ttieħdu mill-2014 'il hawn għall-promozzjoni u t-tisħiħ taċ-ċittadinanza Ewropea, u jippreżenta proposti konkreti għat-twettiq tal-prijoritajiet ewlenin tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE.

2. IL-PROMOZZJONI TAD-DRITTIJIET TAĊ-ĊITTADINANZA TAL-UE U L-VALURI KOMUNI TAL-UE

Iċ-ċittadini jeħtieġ li jkunu konxji tad-drittijiet tagħhom sabiex jibbenefikaw minnhom. Filwaqt li ċerti drittijiet huma magħrufa sew u jiġu implimentati b'mod effettiv, xorta waħda jibqgħu xi lakuni u interpretazzjonijiet ħżiena. L-effettività tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE tiddependi fuq din is-sensibilizzazzjoni, fost iċ-ċittadini, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

1.1. Kif iċ-ċittadini jsiru jafu b'mod aktar faċli bid-drittijiet tal-UE tagħhom

L-Ewropej huma aktar minn qatt qabel konxji **tal-istatus tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni**[11] u l-maġġoranza tagħhom issa jqisu li **jafu d-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE.**[12] Huma jħossuhom ukoll **aktar infurmati dwar dawn id-drittijiet**, għalkemm mhux neċessarjament dwar id-drittijiet kollha:[13] pereżempju s-sensibilizzazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni konsulari tibqa' waħda baxxa.[14] Il-proporzjon ta' Ewropej li **jixtiequ jsiru jafu** aktar dwar id-drittijiet tagħhom qiegħed dejjem jiżdied[15]. Barra minn hekk, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu mhux dejjem ikunu konxji li l-benefiċċju li jirriżulta mid-drittijiet li ġejjin miċ-ċittadinanza tal-UE jġib miegħu wkoll xi responsabbilitajiet[16]. Dawn jistgħu pereżempju jinjoraw l-importanza tal-identità u d-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom u l-fatt li għandhom jirrappurtaw it-telf u s-serq tagħhom mill-aktar fis biex jitnaqqsu r-riskji ta' frodi.

---

[8] Jean-Claude Juncker, id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2016: Lejn Ewropa aħjar – Ewropa li tipproteġi, tagħti s-setgħa u tiddefendi (Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2016).

[9] Ir-Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE (COM(2013) 269 finali).

[10] Ara l-anness ta' dan ir-rapport għal rendikont sħiħ tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-2013 'l hawn.

[11] Tmienja u sebgħin fil-mija (87 %) jafu dwar dan l-istatus u 78 % jafu kif jista' jinkiseb: L-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE.

[12] L-EB Standard tal-2016 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE.

[13] L-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE. Tnejn u erbgħin fil-mija (42 %) jħossuhom pjuttost infurmati jew inkella infurmati tajjeb ħafna dwar id-drittijiet tagħhom (b'6 punti perċentwali aktar mill-EB tal-2012 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE).

[14] *Idem*. Tnejn u sebgħin fil-mija (72 %) jafu li meta ċ-ċittadini tal-UE jkunu barra mill-UE, dawn ikollhom id-dritt ifittxu l-għajnuna mill-ambaxxata ta' kwalunkwe pajjiż tal-UE f'każ li pajjiżhom ma jkollux ambaxxata hemmhekk. Madanakollu, 75 % jemmnu b'mod żbaljat li jkollhom id-dritt ifittxu tali għajnuna anki meta jkunu qed joqogħdu f'pajjiż ieħor tal-UE.

[15] L-EB Standard tal-2016 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE.

[16] L-Artikolu 20(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

It-titjib ulterjuri tal-fehim tad-drittijiet tal-UE, inkluż id-dritt għall-moviment liberu u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu, huwa importanti għall-implimentazzjoni effettiva ta' kuljum tagħhom.

Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tinforma liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tal-UE tagħhom u dwar x'jagħmlu f'każ li dawn ma jiġux irrispettati[17]. Barra minn hekk, hija se tkompli tgħin lil għadd dejjem jikber ta' ċittadini tal-UE li jkunu qed ifittxu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, speċjalment permezz tal-portal L-Ewropa Tiegħek,[18] li bħalissa qed ikollu aktar minn 1,4 miljun żjara fix-xahar[19]. Il-portal tal-ġustizzja elettronika,[20] punt uniku ta' servizz elettroniku fil-qasam tal-ġustizzja, jikkumplimenta din l-għodda billi jipprovdi liċ-ċittadini li jkunu jeħtieġu aċċess għas-sistema tal-ġustizzja – u lill-imħallfin, lill-avukati u lil professjonisti oħra tal-ġustizzja – bl-informazzjoni dwar is-sistemi tal-ġustizzja u t-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja. Il-Kummissjoni qed ittejjeb ukoll is-sit web tagħha Europa biex tgħin lin-nies isibu l-informazzjoni li jkunu qed ifittxu malajr u faċilment[21]. L-isforzi biex tittejjeb l-aċċessibbiltà tas-sit web tal-Europa se jiffaċilitaw l-aċċess għal din l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità.

F'ħafna każijiet, l-Istati Membri jistgħu jgħinu liċ-ċittadini bl-aħjar mod biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-UE. L-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali,[22] inklużi l-imħallfin, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, għandhom rwol essenzjali li jinfurmaw liċ-ċittadini u jtejbu s-sensibilizzazzjoni rigward id-drittijiet tal-UE tagħhom, u li jiżguraw ir-rispett għal dawn id-drittijiet. L-Istati Membri jikkooperaw ukoll permezz tan-netwerk SOLVIT, li jaħdem flimkien mal-appoġġ tal-Kummissjoni, biex isolvi l-problemi li l-individwi jiltaqgħu magħhom meta jeżerċitaw id-drittijiet tal-UE tagħhom[23]. Il-Pjan ta' Azzjoni li ġej ta' SOLVIT għandu jsaħħaħ il-kapaċità, il-viżibilità u l-awtorità ta' dan in-netwerk bħala għodda għar-riżoluzzjoni tal-problemi għan-negozji u ċ-ċittadini, u bħala strument għall-feedback. Il-Kummissjoni qed tniedi wkoll għodda għat-tagħlim elettroniku biex tgħin lill-front desks li għandhom rwol ewlieni fl-infurzar tad-drittijiet għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali u reġjonali, jifhmu u japplikaw ir-regoli għall-moviment liberu b'mod korrett.

---

[17] L-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE. Fost dawk li wieġbu, 26 % ma jħossuhomx infurmati biżżejjed dwar x'jistgħu jagħmlu f'każ li d-drittijiet tagħhom ma jiġux rispettati. Dan jirrappreżenta titjib żgħir meta mqabbel mal-2012. Ara wkoll il-punt 11 fl-anness.

[18] Sittin espert ta' "L-Ewropa Tiegħek" jaħdmu kuljum biex iwieġbu l-mistoqsijiet u jagħtu pariri fi kliem sempliċi dwar id-drittijiet personali tal-UE f' kull waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

[19] Barra minn hekk, huwa previst li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bażi ta' dejta tal-pariri ta' L-Ewropa Tiegħek li fiha 210 000 tweġiba biex tittejjeb l-informazzjoni li bħalissa qed tiġi pprovduta permezz tal-portal L-Ewropa Tiegħek.

[20] Ara https://e-justice.europa.eu/home.do?action=home&plang=mt&init=true.

[21] europa.eu tirċievi madwar 400 miljun żjara fis-sena u hija wieħed mill-akbar dominji fid-dinja. Il-proġett Trasformazzjoni Diġitali beda fl-2013 biex jitwettaq rinnovament komplut lis-sit web Europa, li hu mistenni li jitlesta sal-2017.

[22] pereż. il-korpi speċjalizzati stabbiliti skont id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Ħaddiema (id-Direttiva 2014/54/UE dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema, ĠU L 128, 30.4.2014, pp. 8-14), li żgur se jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni fost il-ħaddiema tal-Unjoni (inklużi dawk li qed ifittxu impjieg) u membri tal-familji tagħhom, impjegaturi privati u pubbliċi, awtoritajiet pubbliċi, sħab soċjali, NGOs, partijiet ikkonċernati oħra u nies b'mod ġenerali dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema. Dawn il-korpi huma responsabbli *inter alia* biex jipprovdu informazzjoni dwar il-proċeduri ta' analiżi u għajnuna speċifika oħra lill-ħaddiema u lill-membri tal-familja tagħhom.

[23] SOLVIT huwa netwerk ta' awtoritajiet nazzjonali li jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjonijiet informali, straġudizzjarji u mingħajr ħlas għall-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ukoll ir-responsabbiltà jżommu f'moħħhom li meta jagħtu jew ineħħu nazzjonalità, huma jagħtu jew ineħħu wkoll ċittadinanza tal-UE u għalhekk jeħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-limiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

1.2. It-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej

Il-valuri tagħna, inkluż il-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma parti integrali mill-istil ta' ħajja Ewropew tagħna[24]. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tfisser ukoll il-benefiċċju minn trattament indaqs u l-kondiviżjoni ta' sistema ta' valuri komuni li l-Unjoni għandha, inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem, u l-inklużjoni, it-tolleranza u r-rispett għad-diversità[25].

Iċ-ċittadini tal-UE jistennew li tiżdied il-ħidma biex jiġu promossi l-valuri komuni tal-UE[26]. Huma ssuġġerew li dan jeħtieġ li jsir b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni, il-mobbiltà taż-żgħażagħ u l-attivitajiet kulturali. Dan kien ukoll l-ispirtu wara l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi ta' Marzu 2015[27].

Il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri marbuta magħha fost iż-żgħażagħ Ewropej li jilħqu l-età meta jistgħu jivvutaw u dawk li jiksbu n-nazzjonalità ta' Stat Membru, u fis-soċjetà kollha kemm hi, teħtieġ sforz konġunt mill-atturi kollha kkonċernati fil-livelli kollha – l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom,[28] l-istituzzjonijiet tal-UE u s-soċjetà ċivili.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Ġunju 2016 dwar l-appoġġ għall-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti, il-Kummissjoni ħabbret azzjonijiet konkreti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tistabbilixxi netwerk biex tiffaċilita l-kuntatti diretti ma' mudelli pożittivi fi skejjel, u fi klabbs taż-żgħażagħ u tal-isport, biex tħeġġeġ u tispira liż-żgħażagħ isiru membri aktar attivi u impenjati tas-soċjetà Ewropea. Hija se tippromwovi wkoll il-kapaċità tal-ħidma taż-żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet u n-netwerks taż-żgħażagħ biex jaġixxu bħala forzi ta' inklużjoni billi jgħinu liż-żgħażagħ jimpenjaw ruħhom, jivvolontarjaw u jixprunaw bidla soċjali pożittiva, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, se tiżviluppa manwal[29] biex tappoġġa lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ. Se żżid l-użu tal-e-Twinning,[30] pjattaforma onlajn li tippromwovi l-kollaborazzjoni u l-iskambji bejn l-għalliema u l-iskejjel mal-Ewropa kollha, u testendiha għal pajjiżi fil-viċinat tal-UE.

Il-valuri Ewropej huma appoġġati permezz tal-programm Erasmus+, li diġà ppermetta ħames miljun persuna jistudjaw, jitħarrġu, jivvolontarjaw, jew jiksbu esperjenza professjonali f'pajjiż differenti, u b'hekk jikkontribwixxu għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva u s-solidarjetà. Sa mill-2015, l-Erasmus+ qiegħed enfasi speċjali fuq il-proġetti li jappoġġaw l-

---

[24] Jean-Claude Juncker, id-diskors dwar l-istat tal-Unjoni tal-2016. Ara wkoll: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-appoġġ lill-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti (COM(2016) 379 finali).

[25] L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

[26] Konsultazzjoni pubblika dwar iċ-ċittadinanza tal-UE tal-2015.

[27] Id-dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, ST 8965/15.

[28] Fost dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, 78 % jistennew li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom rwol akbar f'dan il-kuntest.

[29] Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ, 2016–2018, ĠU C 417, 15.12.2015, pp. 1-15.

[30] http://eacea.ec.europa.eu/llp/comenius/comenius_etwinning_en.php.

inklużjoni soċjali u jipprevjenu r-radikalizzazzjoni. Aktar minn EUR 400 miljun saru disponibbli fl-2016 permezz tal-programm għall-isħubiji transnazzjonali għall-iżvilupp ta' approċċi u prattiki ta' politika innovattivi fil-livell lokali, li jagħtu prijorità lill-inklużjoni soċjali, il-promozzjoni tal-valuri komuni u l-fehim interkulturali, u EUR 13-il miljun iddedikati se jgħinu wkoll biex tali azzjonijiet jiġu msaħħa.

Il-volontarjat huwa mod ieħor ta' kif il-valuri tal-UE jiġu implimentati fil-prattika. Bl-iżvilupp tas-solidarjetà, il-fehim reċiproku u t-tolleranza, dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva. Is-Servizz Volontarju Ewropew se jiġi msaħħaħ u se tittieħed azzjoni sabiex l-għoti tal-krediti ta' studju għall-volontarja jiġi promoss, u l-iżvilupp ta' kurrikuli li jikkombinaw il-kontenut akkademiku mal-impenn ċiviku permezz tal-Erasmus+. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, imsejjes fuq il-valuri ewlenin tal-UE ta' impenn u solidarjetà, se jibni fuq il-programmi taż-żgħażagħ eżistenti tal-UE matul l-ewwel fażi tiegħu u fil-komponent ta' volontarjat tiegħu,[31] u jimmobilizza n-netwerks tal-impjieg, l-edukazzjoni, u l-atturi tas-soċjetà ċivili stabbiliti mal-Ewropa kollha biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jgħinu fejn hemm l-aktar bżonn ta' għajnuna. Dan se jservi bħala fattur ta' konnessjoni fost iż-żgħażagħ li jaħdmu fuq proġett ta' solidarjetà komuni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' perspettiva Ewropea aktar b'saħħitha. Iż-żgħażagħ madwar l-UE kollha se jkunu jistgħu jipparteċipaw f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' solidarjetà permezz tal-appoġġ ta' organizzazzjoni mhux governattiva (non-governmental organisation, NGO), awtorità lokali jew kumpanija privata attiva fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet diffiċli mal-UE kollha, bħall-bini mill-ġdid ta' komunitajiet wara diżastri naturali; l-indirizzar ta' sfidi soċjali bħall-esklużjoni soċjali, il-faqar, is-saħħa u l-isfidi demografiċi; jew il-ħidma għall-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-refuġjati[32].

Il- *Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza*[33] jipprovdi finanzjament għall-azzjonijiet li jippromwovu sensibilizzazzjoni u għarfien tad-drittijiet li ġejjin miċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri sottostanti tagħha. Fl-2016, ġew iddedikati EUR 2,5 miljun għat-trawwim ta' inklużjoni b'suċċess u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE mobbli fil-pajjiż ospitanti tagħhom[34]. Dan il-programm jipprovdi wkoll finanzjament għal proġetti lokali għat-trawwim tat-tolleranza u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, u jappoġġa inizjattivi għall-ħolqien ta' fehim aħjar bejn il-komunitajiet, inkluż permezz ta' attitivajiet interkulturali u interreliġjużi. Il-*programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini"* jipprovdi *forum* uniku għall-involviment taċ-ċittadini fl-UE[35]. Dan se jkompli jiġi żviluppat biex jiġi mmassimizzat l-impatt tiegħu permezz ta' attivitajiet ta' finanzjament strateġiċi li jimmiraw iċ-ċittadini biex jappoġġaw il-promozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea u l-valuri tal-Unjoni.[36] Il-programm jipprovdi opportunitajiet għad-dibattitu, ir-riflessjoni u n-netwerking u b'hekk jippromwovi l-

---

[31] https://europa.eu/youth/volunteering_mt.

[32] http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-16-3062_mt.htm.

[33] Ir-Regolament 1381/2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu mill-2014 sal-2020, ĠU L 354, 28.12.2013, pp. 62-72.

[34] Dan l-ammont jinkludi attivitajiet dwar l-iżvilupp, l-identifikazzjoni u l-promozzjoni tal-iskambju u t-tixrid tal-aħjar prattiki implimentati mal-UE kollha fil-livell lokali/reġjonali/nazzjonali biex titrawwem l-inklużjoni b'suċċess u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE mobbli fil-ħajja politika u ċivili tal-pajjiż ospitanti tal-UE (pereżempju permezz ta' servizzi ta' informazzjoni ta' punt uniku indirizzati li dawk tal-ewwel ġenerazzjoni, permezz tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' ċittadini tal-UE minn Stati Membri oħra f'elezzjonijiet lokali eċċ.).

[35] Ara l-istudju ppubblikat reċentement mill-Parlament Ewropew: Valutazzjoni ta' Implimentazzjoni Ewropea, il-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" (2014-2020), PE 581.418, p. 4.

[36] Diġà qed jingħata appoġġ, pereżempju għal netwerks ta' bliet u proġetti tas-soċjetà ċivili li jagħtu liċ-ċittadini opportunità biex jipparteċipaw b'mod konkret fit-tfassil tal-politika tal-UE.

impenn ċivili. Kull sena, il-programm ilaqqa' flimkien aktar minn miljun ċittadin tal-UE f'varjetà ta' proġetti mil-livell lokali għal dak Ewropew, biex b'hekk irawwem is-sentiment li wieħed ikun ċittadin tal-UE.

Il-prijoritajiet għal bejn l-2017 u l-2019: Il-promozzjoni tad-drittijiet u l-valuri komuni taċ-ċittadinanza tal-UE

Il-Kummissjoni se:

1. Fl-2017 u fl-2018 twettaq **kampanja ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mal-UE kollha dwar id-drittijiet ta' ċittadinanza tal-UE** inkluż dwar drittijiet ta' protezzjoni konsulari u elettorali qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019[37].

2 Tieħu azzjoni biex jissaħħaħ is-**Servizz Volontarju Ewropew** u jiġu promossi l-benefiċċji u l-integrazzjoni tal-volontarjat fl-edukazzjoni. Sal-2020, tistieden l-ewwel 100 000 Ewropew żagħżugħ biex jivvolontarja mal-**Korp Ewropew ta' Solidarjetà** li se jipprovdi l-opportunità għall-iżvilupp ta' ħiliet ġodda u esperjenza sinifikanti, sabiex jagħtu kontribut importanti lis-soċjetà madwar l-UE, u biex jieħdu esperjenza prezzjuża u jakkwistaw ħiliet ta' valur fil-bidu tal-karriera tagħhom[38].

3. Tissalvagwardja l-essenza taċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri inerenti tagħha; fl-2017/2018 tipproduċi rapport dwar **skemi nazzjonali li jiggarantixxu ċ-ċittadinanza tal-UE għall-investituri** li jiddeskrivi l-azzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, il-liġi u l-prattiki nazzjonali attwali, u jipprovdi xi gwida lill-Istati Membri.

3. Il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE

Li tkun ċittadin Ewropew ifisser ukoll li tgawdi minn drittijiet politiċi. Kull ċittadin adult tal-UE għandu d-dritt li jivvota fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Iċ-ċittadini mobbli tal-UE għandhom id-dritt li jivvutaw fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, jew fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Dan id-dritt mhux qed jiġi eżerċitat kemm jista' jkun[39].

Il-funzjonament tal-UE huwa bbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva. Dan jitlob trasparenza u kultura politika responsabbli u aċċessibbli, appoġġata minn sistema elettorali effettiva u elettorat impenjat u infurmat.

1.3. It-tisħiħ tal-impenn taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku tal-UE

It-tisħiħ tal-impenn taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku tal-UE jeħtieġ sforz konġunt tal-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-UE u s-soċjetà ċivili.

[37] Dan jinkludi l-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni rilevanti fuq is-sit web tal-Protezzjoni Konsulari, u s-sensibilizzazzjoni tal-valur tal-identità Ewropea u d-dokumenti tal-ivvjaġġar. Dan se jibni wkoll fuq attivitajiet oħra ffinanzjati mill-UE inkluż permezz tal-programm REC, sabiex jintlaħqu ż-żgħażagħ u permezz ta' kanali differenti, inklużi l-midja ġodda.

[38] http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-16-3062_mt.htm.

[39] L-EB tal-2015 dwar id-drittijiet elettorali.

Fir-rapport dwar l-elezzjonijiet Ewropej[40] tal-2014 il-Kummissjoni indikat il-ħtieġa, fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-2019, li teżamina r-raġunijiet għala b'mod persistenti ma joħorġux ħafna nies jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej f'xi Stati Membri, u biex tidentifika modi biex tindirizza dan. Hemm probabbiltà akbar li numru akbar ta' ċittadini joħorġu jivvutaw meta jkunu jafu liema politiki, programmi u partiti politiċi huma qed jivvutaw għalihom. Iżda l-parteċipazzjoni mhix biss dwar il-votazzjoni; hija wkoll dwar li wieħed ikollu rwol attiv fid-dibattitu politiku u fil-ħajja tal-partiti politiċi u l-ħruġ għall-elezzjoni. Din tittratta wkoll ir-relazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-UE u li dawn jinżammu responsabbli.

Id-Djalogi taċ-Ċittadini u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'avvenimenti tal-kampanji tal-partiti Ewropej u d-diskussjonijiet onlajn qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2014 urew li hemm domanda għal aktar interazzjoni mal-politiċi lokali, nazzjonali u tal-UE[41]. Ħafna Ewropej jaħsbu wkoll li l-ammont ta' nies li jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej ikun aktar jekk il-votanti kellhom informazzjoni aħjar dwar l-impatt li għandha l-UE fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum, u dwar l-elezzjonijiet parlamentari Ewropej[42]. Il-Kummissjoni se tintensifika d-Djalogi taċ-Ċittadini u tieħu azzjoni ulterjuri biex tispjega l-politiki tagħha liċ-ċittadini kif enfasizza l-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker fid-diskors tiegħu fl-2016 dwar l-Istat tal-Unjoni.

Li aktar Ewropej jiġu mħeġġa jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej huwa responsabbiltà kondiviża. L-Istati Membri jeħtieġ li jippromwovu l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika billi jinfurmaw aħjar liċ-ċittadini bid-drittijiet tagħhom li jivvutaw f'elezzjonijiet lokali u Ewropej[43] u jneħħu l-ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom[44]. Barra minn hekk, iċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari dawk li jivvutaw f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom, jilqgħu prattiki li jagħmluha aktar faċli għalihom jivvutaw f'dawn l-elezzjonijiet bħala persuni mhux nazzjonali (pereż. ittri individwali, reġistrazzjoni onlajn fuq il-lista elettorali, votazzjoni elettronika)[45]. Tali prattiki jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-UE.

Fit-tħejjija għall-elezzjoni Ewropea tal-2019, il-Kummissjoni se torganizza fl-2018 avveniment ta' livell għoli dwar il-parteċipazzjoni demokratika b'enfasi partikolari li jitħeġġu l-aħjar prattiki biex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u ta' gruppi vulnerabbli u mhux rappreżentati biżżejjed.

---

[40] COM(2015) 206 finali.

[41] F'dawn id-djalogi 87 % tal-parteċipanti qalu li huma jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej (Ir-Rapport tal-Kummissjoni, Id-Djalogi taċ-Ċittadini bħala Kontribut għall-Iżvilupp ta' Spazju Pubbliku Ewropew (COM(2014) 173 finali).

[42] L-EB tal-2015 dwar id-drittijiet elettorali.

[43] Skont l-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE maġġoranza minn dawk li wieġbu jidentifikaw b'mod korrett id-drittijiet elettorali tagħhom fil-livell Ewropew (67 %) u fil-livell lokali (54 %). Anki jekk dawn iċ-ċifri huma ogħla mill-2007, il-livell ta' sensibilizzazzjoni ta' dawn id-drittijiet niżel ftit mill-2012.

[44] Għall-gruppi li mhumiex rappreżentati biżżejjed u/jew li huma vulnerabbli bħal dawk b'diżabilità. Ara wkoll l-istudju maħruġ mill-Aġenzija tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali f'Ottubru 2010, dwar id-dritt għall-parteċipazzjoni politika ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali u persuni b'diżabilità intellettwali.

[45] L-EB tal-2015 dwar id-drittijiet elettorali. Skont il-Konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, 2 % ta' dawk li wieġbu qalu li esperjenzaw diffikultajiet fl-eżerċitar tad-drittijiet elettorali tagħhom meta kienu qed jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE.

1.4. It-tisħiħ tat-trasparenza – lejn Unjoni aktar demokratika

Il-Kummissjoni kompliet tibni fuq it-Trattat ta' Lisbona, billi ħadet passi biex issaħħaħ it-trasparenza u d-demokrazija tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2014, inkluż billi tippromwovi s-sistema (*Spitzenkandidaten*) tal-kandidat prinċipali[46].

L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2014 kienu fundamentalment differenti minn oħrajn preċedenti fis-sens li stabbilixxew rabta ċara bejn ir-riżultati tal-elezzjonijiet u l-għażla tal-President tal-Kummissjoni Ewropea.

F'Novembru tal-2015, il-Parlament ippreżenta inizjattiva leġiżlattiva dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew[47] immirata biex tkompli ssaħħaħ id-dimensjoni demokratika u transnazzjonali tal-elezzjonijiet Ewropej u l-leġittimità demokratika tas-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, bħal bl-introduzzjoni tal-prinċipju tal-kandidati prinċipali għal-liġi elettorali tal-UE u t-tisħiħ tal-viżibilità tal-partiti politiċi Ewropej[48]. Ir-riforma tal-Att Elettorali hija opportunità għall-Unjoni biex issir aktar demokratika.

L-ambitu sa fejn il-Kummissjoni se tinżamm responsabbli fuq livell demokratiku se jiżdied ukoll bit-tneħħija tar-regola li titlob lill-Kummissjonarji jirriżenjaw qabel joħorġu għall-elezzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej. Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet lill-Parlament Ewropew biex jaġġorna l-Ftehim Qafas tal-2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea skont dan[49]. Id-djalogu miftuħ mal-partijiet ikkonċernati kollha u s-sensibilizzazzjoni qabel l-elezzjonijiet Ewropej se jkunu qed jibnu fuq l-elementi l-ġodda tal-elezzjonijiet introdotti fl-2014.

Fl-aħħar nett, u bi tweġiba wkoll għal talba mill-Parlament Ewropew biex jinvestiga l-użu tal-votazzjoni elettronika,[50] il-Kummissjoni se tesplora kif l-użu tal-għodod tas-soċjetà diġitali jistgħu jikkontribwixxu għad-dibattitu demokratiku, u jtejbu l-proċess elettorali u l-parteċipazzjoni demokratika, inkluż għaċ-ċittadini mobbli tal-UE, iż-żgħażagħ u gruppi mhux rappreżentati[51].

1.5. L-aċċess għall-informazzjoni politika minn naħa għal oħra tal-fruntiera

Dawk li wieġbu għall-Konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE kienu jaħsbu li n-nuqqas ta' aċċess transfruntier għall-aħbarijiet politiċi, b'mod partikolari l-pjattaformi tal-midja f'pajjiżi oħra tal-UE, u n-nuqqas ta' kopertura transfruntiera ta' kwistjonijiet politiċi kienu problema. Dan jagħmilha diffiċli għaċ-ċittadini tal-UE li jgħixu barra minn pajjiżhom biex isegwu l-aħbarijiet mill-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom, u għal oħrajn biex jiksbu perspettiva usa' tal-aħbarijiet u d-dibattiti politiċi.

Il-midja ħielsa u l-aċċess għal pluralità ta' vuċijiet fis-soċjetà u fil-midja huma indispensabbli għal demokrazija b'saħħitha. Bit-tieni kollokju annwali tagħha dwar id-drittijiet fundamentali

---

46 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/142/UE dwar it-tisħiħ tal-kondotta demokratika u effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2013 (ĠU L 79, 21.3.2013, p. 29); u Lejn elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew iktar demokratiċi (Rapport tal-Kummissjoni ta' qabel l-elezzjoni ta' Marzu 2014 (COM(2014) 196 finali)).

47 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2015 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea (P8_TA(2015)0395 – 2015/2035(INL)).

48 Din il-proposta bħalissa qed tiġi diskussa fil-Kunsill.

49 http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-3929_mt.htm

50 L-ewwel rapport *interim* tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji (2016).

51 Ara http://ec.europa.eu/research/participants/portal/desktop/en/opportunities/rec/topics/rec-rppi-evot-ag-2016.html.

li jiffoka fuq il-pluraliżmu tal-midja u d-demokrazija, il-Kummissjoni laqqgħet flimkien lill-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jiddiskutu kif irawmu d-dibattitu politiku dwar kwistjonijiet kruċjali għas-soċjetatjiet demokratiċi permezz ta' ambjent medjatiku pluralistiku. L-eżiti se jinfurmaw l-azzjonijiet futuri tal-Kummissjoni f'dan il-qasam[52].

L-internet huwa s-sors ewlieni tal-informazzjoni politika għall-biċċa l-kbira taċ-ċittadini llum, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet aktar żgħażagħ[53]. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-Ewropej qegħdin dejjem aktar jagħmlu użu minn servizzi ta' kontenut onlajn waqt li jiċċaqilqu minn pajjiż għal ieħor. Fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali,[54] il-Kummissjoni pproponiet Regolament li jippermetti ċ-ċittadini jivvjaġġaw fl-UE bil-kontenut diġitali li jkunu xtraw jew inkitbu għalih f'pajjiżhom[55].

1.6. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni ta' ċittadini mobbli tal-UE fil-ħajja politika

Filwaqt li ċ-ċittadini tal-UE għandhom dritt li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet lokali fi Stat Membru ieħor fejn jgħixu skont l-istess kundizzjonijiet bħall-persuni nazzjonali ta' dak il-pajjiż, ċerti karigi f'korpi eżekuttivi muniċipali f'ċerti pajjiżi tal-UE jistgħu jimtlew biss mill-persuni nazzjonali proprji ta' dawn il-pajjiżi. Il-fehmiet taċ-ċittadini dwar jekk dan huwiex xieraq huma maqsuma pjuttost nofs bin-nofs, u l-Kummissjoni se teżamina l-kwistjoni fir-rapport li jmiss tagħha dwar l-elezzjonijiet lokali[56].

Iċ-ċittadini ma jiksbux id-dritt għall-vot f'elezzjonijiet nazzjonali jew presidenzjali meta jiċċaqilqu lejn pajjiż ieħor tal-UE[57]. Barra minn hekk, iċ-ċittadini ta' ċerti pajjiżi tal-UE bħalissa jistgħu jiġu mċaħħda mid-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet ġenerali f'pajjiżhom (it-tneħħija tad-dritt għall-vot) peress li jkunu qattgħu xi żmien jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE[58]. Iċ-ċittadini ma għandhomx jiġu żvantaġġati bħala riżultat tal-eżerċitar tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Fl-2014, il-Kummissjoni[59] stiednet lill-Istati Membri inkwistjoni biex jippermettu liċ-ċittadini tagħhom li jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għall-moviment liberu biex iżommu d-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet nazzjonali jekk juru interess kontinwu fil-ħajja politika ta' pajjiżhom. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-iżviluppi fl-Istati Membri rilevanti u tqis l-azzjoni xierqa biex tħeġġiġhom ifittxu soluzzjonijiet ibbilanċjati. Hija se tesplora wkoll il-possibbiltajiet għal ċittadini tal-UE mhux nazzjonali li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu biex jivvutaw fl-elezzjonijiet nazzjonali fil-pajjiż li jgħixu fih.

Il-prijoritajiet għal bejn l-2017 u l-2019: Il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE **Il-Kummissjoni** se:

52 Il-kollokju annwali tal-2016 dwar id-drittijiet fundamentali.

53 Konsultazzjoni pubblika dwar iċ-ċittadinanza tal-UE tal-2015.

54 COM(2015) 192 finali.

55 COM(2015) 627 finali.

56 Aktar minn tmienja minn kull għaxra ta' dawk li wieġbu fil-konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE kienu jaħsbu li ċ-ċittadini tal-UE minn pajjiżi oħra tal-UE jeħtieġ li jkunu jistgħu jsiru membri tal-korp eżekuttiv ta' muniċipalità, filwaqt li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn dawk li wieġbu għall-EB tal-2015 dwar id-drittijiet elettorali.

57 Minn dawk li wieġbu fl-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE 64 % ħassew li huwa ġustifikat li ċ-ċittadini jiksbu d-dritt għall-vot fl-elezzjonijiet nazzjonali.

58 Minn dawk li wieġbu fl-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE 67 % ħassew li mhuwiex ġustifikat li ċ-ċittadini jitilfu d-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet nazzjonali fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

59 Ir-rakkomandazzjoni li tindirizza l-konsegwenzi tat-tneħħija tad-dritt għall-vot taċ-ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw id-drittijiet għall-moviment liberu tagħhom 2014/53/EU ĠU L 32, 1.2.2004, pp. 34-35.

1. Tintensifika d- **Djalogi taċ-Ċittadini** u tħeġġeġ id-dibattiti pubbliċi, biex ittejjeb il-fehim pubbliku tal-impatt tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u tħeġġeġ l-iskambju ta' fehmiet maċ-ċittadini.
2. Tirrapporta fl-2017 dwar l-implimentazzjoni tal-**liġi tal-UE dwar l-elezzjonijiet lokali** biex tiżgura li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom fil-livell lokali b'mod effettiv.
3. Fl-2018, **tippromwovi l-aħjar prattiki** li **jgħinu liċ-ċittadini jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet tal-UE**, inkluż li jżommu d-dritt tal-vot meta jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor u l-aċċess transfruntier għall-aħbarijiet politiċi, biex tappoġġa t-turnout u l-parteċipazzjoni demokratika wiesgħa fil-perspettiva tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019[60].

4. IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-ĦAJJA TA' KULJUM GĦAĊ-ĊITTADINI TAL-UE

Sa minn mindu l-moviment liberu ġie mnaqqax fit-Trattati 60 sena ilu, sar ferm aktar faċli li wieħed jgħix, jaħdem, jistudja u jivvjaġġa fl-Ewropa[61]. Aktar minn 15-il miljun Ewropew jirrisjedu f'pajjiż ieħor tal-UE[62]. Il-moviment liberu jipprovdi liċ-ċittadini tal-UE b'opportunitajiet li jivvjaġġaw, jistudjaw, jagħmlu negozju, jaħdmu u jgħixu f'pajjiżi oħra tal-UE. L-istħarriġiet juru li ċ-ċittadini tal-UE, speċjalment dawk żgħażagħ, jaraw il-moviment liberu bħala l-aktar kisba pożittiva tal-UE[63]. Huma jarawha bħala ta' benefiċċju kemm għalihom personalment u kif ukoll għall-ekonomiji ta' pajjiżhom[64].

Minkejja dan, l-Ewropej xorta waħda jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet meta jiġu biex jiċċaqilqu jew jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE[65]. Ċerti diffikultajiet huma legali, oħrajn proċedurali, oħrajn teknoloġiċi, iżda ħafna drabi komparattivament tkun meħtieġa ftit bidla biex titwettaq differenza sinifikanti.

1.7. It-tnaqqis tal-burokrazija u l-infurmar taċ-ċittadini

Dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE qalu li d-diffikultajiet li esperjenzaw kienu relatati l-aktar ma' proċeduri amministrattivi twal jew mhux ċari, in-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti u diffikultajiet fl-aċċessar ta' servizzi privati. Huma rrappurtaw ukoll diffikultajiet fil-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u mas-

---

60 Dawn l-aħjar prattiki se jindirizzaw ukoll l-għodod tad-demokrazija elettronika, arranġamenti għall-votazzjoni mill-bogħod (pereż. il-votazzjoni elettronika) u l-aċċesstransfruntier għall-informazzjoni politika, u se timmira li ttejjeb it-turnout baxx tal-votanti.

61 Hemm Ewropejizzazzjoni akbar tal-ħajja ta' kuljum għal proporzjon akbar ta' ċittadini Ewropej milli huwa ġeneralment preżunt. Pereżempju, aktar minn 50 % taċ-ċittadini tal-UE "jikkomunikaw regolarment bit-telefown, bl-internet, bil-posta jew bl-email mal-familja u/jew mal-ħbieb barra minn pajjiżhom", "żaru mill-anqas Stat Membru ieħor tal-UE fl-aħħar sentejn", "jaraw it-TV b'lingwa mhux nattiva" jew iħossuhom "familjari ma' tal-inqas pajjiż ieħor tal-UE". (Il-proġett ta' riċerka EUCROSS iffinanzjat mill-UE).

62 http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Migration_and_migrant_population_statistics.

63 L-EB Standard tal-ħarifa 2016 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE. "Il-moviment liberu tan-nies, il-prodotti u s-servizzi fl-UE" jinsab fuq nett fil-lista tar-riżultati l-aktar pożittivi tal-UE għal 56 % minn dawk li wieġbu, aktar 'il quddiem mill-"paċi fost l-Istati Membri tal-UE". Barra minn hekk 81% tal-Ewropej jaqblu mal-"moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE li jistgħu jgħixu, jaħdmu, jistudjaw u jagħmlu negozju fejn jixtiequ fl-UE". Il-parti l-kbira ta' dawk li wieġbu jappoġġaw moviment ħieles fil-pajjiżi kollha.

64 L-EB tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE. Wieħed u sebgħin fil-mija (71 %) jaqblu mad-dikjarazzjoni li l-moviment liberu tan-nies fl-UE jġib miegħu benefiċċji b'mod ġenerali għall-ekonomija ta' pajjiżhom. Kif ukoll il-Konsultazzjoni pubblika dwar iċ-ċittadinanza tal-UE tal-2015: il-parti l-kbira ta' dawk li wieġbu jaħsbu li ċ-ċaqliq lejn pajjiż ieħor tal-UE jġib miegħu diversità kulturali, irawwem fehim reċiproku u jġib miegħu għarfien u ħiliet speċifiċi.

65 Kif jidher mill-ilmenti li jaslu għand SOLVIT u L-Ewropa Tiegħek.

sistema tal-kura tas-saħħa[66]. Hemm bżonn ta' aktar ħidma biex jiġi ssimplifikat l-eżerċizzju tad-drittijiet għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE.

1.7.1. L-għoti ta' informazzjoni u assistenza liċ-ċittadini tal-UE li jkunu qed jiċċaqilqu minn pajjiż għal ieħor

Qabel ma jiddeċiedu biex jiċċaqilqu lejn pajjiż ieħor tal-UE (jew jirritornaw f'pajjiżhom wara li jkunu għexu fl-UE), il-biċċa l-kbira tal-Ewropej jagħmlu użu mill-internet biex isibu l-informazzjoni u l-assistenza li jeħtieġu biex ikunu jistgħu pereżempju jaħdmu, jistudjaw, jivvjaġġaw, jgħixu jew jirtiraw fi Stat Membru ieħor[67]. Fil-prattika, l-informazzjoni disponibbli onlajn ħafna drabi tkun diffiċli biex wieħed isibha, ma tkunx kompluta, tkun diffiċli biex wieħed jifhimha, mhux preċiża, mhux aġġornata jew mhux disponibbli, u mhux dejjem tkun tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. Il-biċċa l-kbira tal-Ewropej jgħidu li huwa aktar faċli li wieħed jissetilja f'pajjiż ieħor tal-UE u jgħix hemm jekk l-awtoritajiet jipprovdu informazzjoni u pariri mfassla skont il-ħtiġijiet tal-individwu permezz ta' portali tal-web ta' punt uniku ta' servizz, u jekk ikunu jistgħu jittrattaw il-formalitajiet amminisrattivi onlajn. Ir-Regolament il-ġdid tal-EURES (UE) 2016/589 diġà jagħmel il-proċess ta' konnessjoni bejn dawk li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi minn naħa għal oħra tal-fruntiera ferm aktar faċli[68]. Il-kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet nazzjonali tiffaċilita wkoll il-formalitajiet[69].

Fl-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali l-Kummissjoni impenjat ruħha li toħloq sistema ta' informazzjoni faċli għall-utent għaċ-ċittadini u n-negozji billi testendi u tintegra l-portali Ewropej u nazzjonali[70]. L-Istrateġija tas-Suq Uniku appoġġat ukoll il-"Portal Diġitali Uniku" li għandu l-għan li jipprovdi onlajn "*dak kollu li l-intraprendituri u ċ-ċittadini jeħtieġu*" biex iwettqu negozju transfruntier u/jew jivvjaġġaw lejn, jixtru minn, jaħdmu, jistudjaw jew jirrisjedu f'pajjiż ieħor tas-Suq Uniku tal-UE. Il-portal ikun ibbażat fuq portali eżistenti, punti ta' kuntatt,[71] u netwerks tal-għajnuna u tar-riżoluzzjoni tal-problemi, bil-għan li jespandi, itejjeb, u jgħaqqadhom aktar biex jippermetti li ċ-ċittadini u n-negozji jkollhom aċċess onlajn għal informazzjoni ta' kwalità għolja, komprensiva, servizzi ta' għajnuna u ta' riżoluzzjoni ta' problemi effettivi u proċeduri effiċjenti.

Suq Uniku Diġitali konness jinkludi aktar żvilupp u l-ħolqien ta' servizzi tal-gvern elettroniċi ffukati fuq l-utent, faċli għall-utent u mingħajr difetti għal dawk iċ-ċittadini li jixtiequ jistudjaw, jaħdmu, jgħixu u jirtiraw, jew iwaqqfu u jmexxu negozju xi mkien fl-UE. Il-Kummissjoni qed tesplora wkoll il-possibbiltà li timplimenta l-prinċipju "ta' darba", sabiex iċ-ċittadini u n-negozji ma jkollhomx għalfejn jippreżentaw l-istess informazzjoni aktar minn

---

[66] Fl-2014, il-biċċa l-kbira tal-problemi li kellhom jiffaċċjaw iċ-ċittadini li kienu użaw SOLVIT kienu kwistjonijiet relatati mas-sigurtà soċjali, segwiti minn kwistjonijiet relatati mal-moviment liberu. Ara http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_by_governance_tool/solvit/index_en.htm.

[67] Minn dawk li wieġbu għall-Konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE 73 % qalu li s-sors ewlieni tal-informazzjoni kkonsultata qabel iċ-ċaqliq lejn pajjiż ieħor tal-UE kienu siti web tal-awtoritajiet pubbliċi, inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali, ta' dak il-pajjiż.

[68] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol.

[69] Il-Konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u l-konsultazzjoni pubblika tal-2016 dwar il-Portal Uniku Diġitali.

[70] COM(2015) 0192 finali.

[71] Bħal L-Ewropa Tiegħek, Punti Uniċi ta' Kuntatt, Punti ta' Kuntatt tal-Prodott u Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti tal-Kostruzzjoni.

darba lill-amministrazzjonijiet pubbliċi[72]. Dan inaqqas aktar il-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini[73].

1.7.2. It-tnaqqis tal-burokrazija fid-dokumenti pubbliċi taċ-ċittadini

Sabiex jiżżewġu jew jiksbu impjieg f'pajjiż ieħor tal-UE, iċ-ċittadini ħafna drabi jkollhom jgħaddu minn formalitajiet li jqumu l-flus u li jieħdu ħafna żmien. Sabiex tindirizza din il-problema, f'Lulju 2016 l-UE adottat regolament[74] biex ittemm din il-burokrazija u tgħin liċ-ċittadini jiċċaqilqu aktar faċilment lejn pajjiż ieħor tal-UE. Ladarba l-pajjiżi tal-UE jkunu implimentaw il-miżuri kollha neċessarji,[75] iċ-ċittadini jkunu jistgħu jippreżentaw id-dokumenti pubbliċi (bħaċ-ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ jew tal-mewt) fi Stat Membru partikolari li jkunu nħarġu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkollhom bżonn timbru (il-"Postilla") sabiex jippruvaw li d-dokumenti tagħhom huma awtentiċi. Barra minn hekk, billi jagħmlu użu mill-formoli standard multilingwi, li l-Kummissjoni se ttemm l-iżvilupp tagħhom mal-Istati Membri fl-2017, iċ-ċittadini mhux dejjem se jkollhom bżonn jipprovdu traduzzjonijiet tad-dokumenti pubbliċi tagħhom.

1.7.3. It-tnaqqis tal-burokrazija fil-liġi tal-familja

Maż-żieda fin-numru ta' familji internazzjonali fl-UE,[76] jiżdied ukoll il-potenzjal għat-tilwim transfruntier dwar kwistjonijiet tal-familja. It-tbatija kkawżata mid-divorzju, is-separazzjoni legali jew il-mewt ta' spiss tista' tkun aktar diffiċli minħabba l-kwistjonijiet kumplessi tal-liġi tal-familja li jitfaċċaw fir-rigward tal-proprjetà u tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Ir-riżoluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet minn naħa għal oħra tal-fruntiera tista' tkun aktar diffiċli u tagħmel is-sitwazzjoni tal-ħajjiet taċ-ċittadini tal-UE partikolarment diffiċli. Ittieħdu passi importanti biex tonqos il-burokrazija u biex ikun hemm ċarezza legali għall-familji internazzjonali li jkunu għaddejjin minn żminijiet diffiċli, u ġew adottati proposti ġodda għall-protezzjoni tat-tfal f'tilwim transfruntier fil-familji.

Ir-regoli dwar is-suċċessjoni internazzjonali[77] jgħinu lill-familji internazzjonali jiddeterminaw liema qorti se tkun kompetenti u liema liġi se tapplika għas-suċċessjoni tagħhom, pereżempju meta l-mejjet ikun għex f'pajjiż tal-UE li ma kienx il-pajjiż ta' oriġini tiegħu, jew ikollu eredi jew proprjetà f'pajjiżi differenti tal-UE. Iċ-ċittadini se jibbenefikaw miċ-"Ċertifikat Ewropew ta' Suċċessjoni", li se jippermetti lill-eredi, lil-legatarji, lill-eżekuturi testamentarji u lill-amministraturi tal-wirt li jikkonfermaw l-istat tagħhom u jeżerċitaw id-drittijiet u s-setgħat tagħhom mal-UE kollha. Sabiex jindirizzaw il-lakuni li għad baqa' għal dawk il-koppji internazzjonali li jkollhom jgħaddu minn sitwazzjonijiet legali mhux ċari fil-każ ta' divorzju

[72] Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 jinkludi azzjonijiet li jwettqu proġett pilota tal-prinċipju ta' darba (COM(2016) 0179 finali). Ara wkoll ir-Regolament (UE) 910/2014 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern, ĠU L 257, 28.8.2014, pp. 73-114.

[73] Fi 48 % tal-każijiet biss l-amministrazzjonijiet pubbliċi jagħmlu użu mill-ġdid mill-informazzjoni dwar iċ-ċittadini jew il-kumpaniji li jkunu jippossjedu mingħajr ma jsaqsuhom għal darb'oħra.

[74] Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 200, 26.7.2016, pp. 1-136.

[75] Huma għandhom sentejn u nofs biex jagħmlu dan mid-dħul fis-seħħ tiegħu fil-15 ta' Awwissu 2016.

[76] In-numru stmat ta' 16-il miljun familja internazzjonali qed jikber.

[77] Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ĠU L 201, 27.7.2012, pp. 107-134.

jew il-mewt ta' partner, żewġ regolamenti adottati f'Ġunju 2016[78] se jgħinu lill-koppji internazzjonali – kemm jekk miżżewġa u kemm jekk fi sħubija reġistrata – jamministraw il-proprjetà tagħhom u jikkondividuha f'każ ta' divorzju jew il-mewt ta' partner[79].

F'Ġunju 2016, sabiex jittejjeb il-funzjonament tar-regoli eżistenti dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri bħall-kustodja, id-drittijiet taż-żjara u s-sekwestru ta' minuri mill-ġenituri, il-Kummissjoni pproponiet regoli ssimplifikati ġodda li minnhom se jibbenefikaw direttament ħafna familji u tfal[80]. Ladarba dawn ir-regoli l-ġodda jiġu adottati, se jħaffu l-proċedimenti u jtaffu kemm jista' jkun it-tbatija u l-inċertezza, filwaqt li jqisu l-aħjar interessi tal-minuri. Bħala parti minn dan, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa wkoll l-adeżjoni ta' Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-1980 tal-Aja dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri mill-Ġenituri sabiex tħares lill-ulied mill-effetti dannużi ta' sekwestru mill-ġenituri.

1.8. Is-simplifikazzjoni tal-ivvjaġġar, il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol mal-UE kollha għaċ-ċittadini

Ħafna Ewropej li jiċċaqilqu minn pajjiż tal-UE għal ieħor jagħmlu dan biex jistudjaw jew jaħdmu hemm[81]. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar żgħażagħ fl-Ewropa qegħdin jagħżlu li jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom billi jistudjaw, jitħarrġu jew jivvolontarjaw f'pajjiż ieħor tal-UE, jew matul l-istudji tagħhom jew fil-bidu tal-karrieri professjonali tagħhom. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-Ewropej jemmnu li t-taħriġ, l-edukazzjoni u l-esperjenzi ta' volontarjat transfruntieri jistgħu jtejbulhom il-potenzjal u l-prospetti tal-karriera tagħhom[82].

1.8.1. Iż-żieda fl-opportunitajiet għall-istudenti, it-trainees, l-għalliema u ħaddiema oħra

Ix-xogħol li sar fl-2016 għall-introduzzjoni tal-Aġenda tal-Ħiliet il-Ġodda għall-Ewropa mal-Istati Membri se jippromwovi l-iżvilupp u t-tlaqqigħ tal-ħiliet, u jappoġġa r-rikonoxximent aħjar tal-kwalifiki: dan se jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakoli għall-ħaddiema, l-istudenti u t-trainees fl-UE. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi ssuġġerew li l-Ewropej iqisu li pjattaforma li tospita kollokamenti transfruntieri jew offerti għal apprendistati u trainees tgħin aktar liż-żgħażagħ li jkunu qed ifittxu opportunitajiet lil hinn (jew qabel) l-impjieg. Il-mobbiltà tal-għalliema minn naħa għal oħra tal-fruntiera tista' tkun ta' benefiċċju għall-istudenti u għall-għalliema, li jistgħu jikkondividu prattiki tajba mal-pari tagħhom. Mod ieħor kif l-istudenti jistgħu jibbenefikaw huwa billi jingħataw l-opportunità li jattendu għal seminars bil-persunal mistieden minn kumpaniji minn pajjiżi oħrajn[83].

---

78 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1103 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ta' reġimi ta' proprjetà matrimonjali, ĠU L 183, 8.7.2016, pp. 1-29; jew ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1104 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji tal-konsegwenzi patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, ĠU L 183, 8.7.2016, pp. 30-56.

79 Ir-Regolamenti jagħtu lill-Istati Membri 30 xahar biex jimplimentaw il-miżuri kollha neċessarji sabiex il-koppji internazzjonali jkunu jistgħu jgawdu mill-benefiċċji tar-regolamenti.

80 COM(2016) 411 finali.

81 Skont il-konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, ħafna minn dawk li wieġbu kienu ċċaqilqu lejn pajjiż ieħor tal-UE għal raġunijiet ta' xogħol (66 %). Numru simili ta' dawk li wieġbu (64 %) ċċaqilqu lejn pajjiż ieħor tal-UE biex jistudjaw jew għall-volontarjat.

82 Konsultazzjoni pubblika dwar iċ-ċittadinanza tal-UE tal-2015.

83 *Idem.*

Il-"Portal tal-Edukazzjoni tal-Iskola" huwa pjattaforma onlajn bil-għan li jgħaqqad lill-għalliema u lil prattikanti tal-edukazzjoni oħra minn naħa għal oħra tal-fruntiera u jipprovdilhom opportunitajiet biex jikkondividu u jitgħallmu dwar politiki u prattiki differenti, u biex jiżviluppaw lilhom infushom f'komunità professjonali. L-"Akkademja tal-Għalliema" tibbenefika lill-edukaturi billi toffrilhom korsijiet onlajn imfassla apposta li jipprovdu kuntest vitali għall-iżvilupp ta' approċċi pedagoġiċi mal-Ewropa kollha. Il-portal "L-Ewropa Edukazzjoni Miftuħa" jikkumplimenta dan billi jiffoka l-kontenut u d-diskussjonijiet tiegħu fuq il-potenzjal tat-teknoliġiji u l-materjali diġitali għat-titjib tal-provvista ta' tagħlim u l-ksib ta' tagħlim. L-għan huwa li jiġi pprovdut spazju għad-diskussjoni, it-tagħlim, il-kondiviżjoni, il-mistoqsijiet u l-ispirazzjoni.

Il-kwalifiki professjonali huma qasam ieħor fejn ir-regoli modernizzati se jżidu l-opportunitajiet għaċ-ċittadini tal-UE[84]. Tal-anqas 21 % tal-forza tax-xogħol fl-UE (50 miljun persuna) jaħdmu fi professjoni rregolata[85]. Aktar minn 20 000 persuna bi kwalifika professjonali minn Stat Membru tal-UE kellhom il-kwalifiki professjonali tagħhom rikonoxxuti f'pajjiż ieħor tal-UE fl-2014. Barra minn hekk, professjonisti minn ħames professjonijiet[86] minn Jannar 2016 'l hawn setgħu jipprattikaw il-professjoni tagħhom aktar faċilment f'pajjiżi oħra tal-UE bis-saħħa tal-ewwel proċedura elettronika mal-UE kollha għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (il-Karta Professjonali Ewropea). Il-karta tissimplifika l-proċeduri ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali f'pajjiżi oħra tal-UE.

1.8.2. Is-simplifikazzjoni ulterjuri biex wieħed jgħix u jivvjaġġa fl-UE

Meta ċ-ċittadini li jkunu ħadmu f'diversi pajjiżi tal-UE jirtiraw u jkunu jafu l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom, jew meta l-ħaddiema jirċievu l-paga u l-benefiċċji f'pajjiżi oħra tal-UE, dan jista' jinvolvi awtoritajiet pubbliċi varji fl-istess pajjiż u minn naħa għal oħra tal-fruntiera, li jkun jeħtieġ koordinazzjoni biex jiġi stabbilit liema regoli japplikaw għall-persuna kkonċernata. Sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni u tipprevjeni l-frodi, il-Kummissjoni diġà qed taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tippermetti l-iskambju elettroniku sħiħ bejn l-awtoritajiet **tas-sigurtà soċjali** minn naħa għal oħra tal-fruntiera[87].

Il-kontijiet tal-bank huma indispensabbli għaċ-ċittadini kollha, u jippermettulhom jirċievu s-salarji, il-pensjonijiet u l-benefiċċji tagħhom, u jħallsu l-kontijiet. Iżda xi ċittadini jiffaċċjaw diffikultajiet, pereżempju studenti jew ħaddiema fuq perjodu qasir, meta jiġu biex jiftħu kont tal-bank f'pajjiż ieħor tal-UE. Mit-18 ta' Settembru 2016 'l hawn iċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom id-dritt jiftħu **kont tal-bank bażiku**[88] anki jekk ma jkunux jgħixu f'pajjiż tal-UE fejn jinsab il-bank u irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom[89]. Minkejja l-

[84] Id-Direttiva 2013/55/UE li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ĠU L 354, 28.12.2013, pp. 132–170.

[85] http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/themes/2015/regulated_professions_20151126.pdf.

[86] L-infermiera tal-kura ġenerali, il-fiżjoterapisti, l-ispiżjara, l-aġenti tal-proprjetà immobbli u l-gwidi tal-muntanji.

[87] Fil-qafas tal-proġett tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali dwar l-iżvilupp ta' sistema tal-IT li se tippermetti dawn l-iskambji.

[88] Id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, ĠU L 214, 28.8.2014, pp. 214–246.

[89] Il-persuni b'diżabilità jistgħu wkoll jiffaċċjaw diffikultajiet meta jiġu biex jaċċessaw is-servizzi bankarji. Il-proposta għal Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità ppreżentat mill-Kummissjoni fl-2015 timmira li ttejjeb l-aċċessibilità tal-prodotti u s-servizzi billi tarmonizza r-rekwiżiti fl-UE (COM/2015/615 finali).

progress sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, huma meħtieġa aktar sforzi qabel ma s-servizzi finanzjarji bħall-assigurazzjoni, is-self ipotekarju u s-self, li wkoll għandhom rwol importanti fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE, ikunu jistgħu jinxtraw u jinbiegħu bejn il-fruntieri tal-UE mingħajr diffikultà[90]. Se jkun propost pjan ta' azzjoni fuq servizzi finanzjarji għall-konsumatur li jippermetti liċ-ċittadini jibbenefikaw minn prodotti aħjar u għażla akbar irrispettivament mill-età, il-ħiliet u l-pajjiż ta' residenza tagħhom.

Il-liġi tal-UE tgħin liċ-ċittadini jirċievu trattament mediku f'pajjiż ieħor tal-UE u jiġu rimborżati. Għall-pazjenti, il-liġi tal-UE tfisser għażla akbar tal-kura tas-saħħa, aktar informazzjoni u rikonoxximent eħfef tar-riċetti minn naħa għal oħra tal-fruntiera. Is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom li jagħżlu **l-kura tas-saħħa** f'pajjiż ieħor tal-UE tibqa' waħda baxxa.[91] Anqas minn żewġ ċittadini minn għaxra jħossuhom infurmati dwar id-drittijiet tagħhom f'dan il-qasam,[92] u b'hekk il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tagħhom biex iżżid is-sensibilizzazzjoni tad-dritt taċ-ċittadini li jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa minn naħa għal oħra tal-fruntiera.

L-Ewropej għamlu 214-il miljun vjaġġ transfruntier lejn pajjiżi oħra tal-UE fl-2014. Ħafna ċittadini tal-UE **jivvjaġġaw** għax-xogħol jew jivvjaġġaw bejn il-pajjiżi tal-UE. L-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali mal-UE kollha tgħin liċ-ċittadini tal-UE jippjanaw tali vjaġġi u vjaġġar. Bħalissa, vjaġġ multimodali mal-Ewropa kollha huwa kumpless u jieħu l-ħin, speċjalment meta wieħed iqabblu ma' vjaġġ bil-karozza. L-ippjanar ta' vjaġġ minn bieb sa bieb jitlob kombinazzjoni ta' bosta servizzi tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u l-vjaġġaturi mhux dejjem ikunu jistgħu jittrattaw it-tfixkil b'mod effettiva meta dan iseħħ. L-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali idealment għandha tipprovdi lill-vjaġġaturi b'firxa vasta ta' opzjonijiet tal-ivvjaġġar u tippermettilhom pereżempju jagħżlu l-aktar rotta rapida u rħisa, l-aktar waħda ekoloġika jew aċċessibbli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, filwaqt li jirċievu kumpens f'każ ta' dewmien.

Iċ-ċittadini tal-UE huma protetti b'sett sħiħ ta' **drittijiet tal-passiġġieri**, kemm jekk jivvjaġġaw bl-ajru, bil-ferrovija, bil-vapur, b'tal-linja jew bil-kowċ, iżda persuni b'mobbiltà mnaqqsa u/jew b'diżabilità jħossuha ferm aktar diffiċli biex jivvjaġġaw. Il-biċċa l-kbira tal-Ewropej iqisu li l-UE għandha tipprovdi jew tappoġġa l-aċċessibilità tal-infrastruttura tat-trasport, bħall-ajruporti, l-istazzjonijiet tal-ferrovija jew it-terminals tal-karozzi tal-linja u li għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-aċċessibilità, pereżempju fuq is-siti web tal-kumpaniji. Valutazzjoni tal-Kummissjoni[93] tal-liġi tal-UE eżistenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija enfasizzat oqsma speċifiċi għat-titjib, u t-tħassib kontinwu kemm dwar id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u kif ukoll dwar l-applikazzjoni tagħha. B'hekk il-Kummissjoni qiegħda tqis xi opzjonijiet biex ittejjeb dan.

Il-prijoritajiet għal bejn l-2017 u l-2019: Is-simplifikazzjoni tal-ivvjaġġar, il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol mal-UE kollha għaċ-ċittadini

Il-Kummissjoni se:

---

[90] Il-Green Paper dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur (COM(2015) 630 finali) 10.12.15.

[91] COM(2015) 421 finali.

[92] U wieħed minn kull għaxra biss huwa konxju li l-punti ta' kuntatt nazzjonali ġew imwaqqfa biex jipprovdu informazzjoni lill-pazjenti dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kwistjonijiet ta' kwalità u sikurezza.

[93] COM(2013) 587 finali.

1. Tissottometti proposta għall-istabbiliment ta' **"Portal Diġitali Uniku"** biex tagħti liċ-ċittadini, aċċess onlajn faċli għall-informazzjoni, servizzi ta' għajnuna u ta' riżoluzzjoni ta' problemi u l-possibilità li jlestu proċeduri amministrattivi onlajn f'sitwazzjonijiet transfruntieri billi jikkollegaw kontenut u servizzi rilevanti fil-livell nazzjonali u tal-UE b'mod iffukat fuq l-utent, faċli għall-utent u mingħajr xkiel. Barra minn hekk, se tevalwa t-tnaqqis tal-burokrazija fl-amministrazzjonijiet nazzjonali billi tirrikjedi li ċ-ċittadini jfornu d-dejta tagħhom darba biss.
2. Tiffaċilita u tippromwovi aktar **l-ivvjaġġar multimodali mal-UE kollha** sabiex tagħmel il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-UE aktar effiċjenti u faċli għall-utenti, permezz tal-ispeċifikazzjoni ta' servizzi tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali mal-UE kollha u t-titjib fl-interoperabilità u l-kompatibilità tas-sistemi u s-servizzi.

5. IT-TISĦIĦ TAS-SIGURTÀ U L-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

1.9. It-trattament tat-theddid għas-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċittadini

L-Ewropa qed tiffaċċja theddid għas-sigurtà kumpless u ħafna drabi transfruntier u l-biċċa l-kbira tal-Ewropej jemmnu li hemm bżonn ta' azzjoni tal-UE aktar komuni biex dan jiġi indirizzat[94]. Il-moviment liberu fl-UE, li huwa għal qalb iċ-ċittadini tal-UE, jitlob ukoll miżuri biex jiġu mħarsa l-fruntieri esterni u biex tiġi miġġielda u impedita l-kriminalità. Barra minn hekk, iż-żona Schengen għamiltha possibbli li persuni jaqsmu l-fruntieri mingħajr kontrolli, li rriżulta f'interazzjoni aktar faċli u aktar frekwenti bejn iċ-ċittadini tal-UE. Iżda f'dawn l-aħħar snin l-isfida li tinżamm is-sigurtà f'Ewropa miftuħa għaddiet minn prova qawwija.

1.9.1. It-trattament tat-theddid għas-sigurtà fil-qasam tal-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali abbażi tal-fiduċja reċiproka

L-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà,[95] l-istabbiliment ta' Unjoni tas-Sigurtà tal-UE[96] effettiva u ġenwina u l-protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni tal-UE jistgħu jipprovdu risposta adegwata, realistika u tanġibbli għat-tħassib taċ-ċittadini dwar is-sigurtà, waqt li l-valuri u d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-Ewropej jiġu rispettati kompletament.

Il-Kummissjoni Ewropea diġà implimentat u se tipproponi aktar inizjattivi biex tappoġġa t-titjib, il-modernizzazzjoni u l-interoperabilità tal-qafas tas-sigurtà tal-Ewropa (**is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)**,[97] **is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)**,[98] it-traffikar illegali ta' armi tan-nar, aġġornamenti għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)). Fil-qalba ta' dawn l-inizjattivi hemm is-sigurtà taċ-ċittadini, permezz tat-titjib tal-fiduċja bejn l-atturi rilevanti tal-Unjoni, it-titjib tal-

---

[94] Perċezzjonijiet u aspettattivi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, l-Ewrobarometru speċjali tal-Parlament Ewropew dwar l-Ewropej tal-2016 (Ġunju 2016).
[95] COM(2015) 185 finali.
[96] Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Siġurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2016) 230 finali).
[97] COM (2016) 7 finali.
[98] COM(2016) 731 finali.

kooperazzjoni transfruntiera operazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nazzjonali, u li jkun jista' jsir skambju u użu tal-informazzjoni u l-intelliġenza aħjar u aktar intelliġenti fil-livelli kollha biex tiġi indirizzata t-theddida tat-terroriżmu.

F'Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat **Pjan ta' Azzjoni dwar is-sigurtà tad-dokumenti**[99] li jistabbilixxi azzjonijiet speċifiċi għat-titjib tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar. Waħda mill-azzjonijiet tirrigwarda l-frodi u l-falsifikazzjoni tal-**karti tal-identità nazzjonali** maħruġa mill-Istati Membri u d-**dokumenti ta' residenza** għaċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u l-membri tal-familja tagħhom. Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jgħixu jew jivvjaġġaw fl-UE jistgħu tabilħaqq jiltaqgħu ma' diffikultajiet fir-rigward tal-użu ta' dawn id-dokumenti.[100] Bħalissa hemm varjetà kbira ta' tali karti u dokumenti b'livelli ta' sigurtà li jvarjaw ħafna, li jwassal għal diffikultajiet prattiċi għaċ-ċittadini. Il-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza li huma aktar sikuri u faċilment rikonoxxibbli jagħmluha aktar faċli għaċ-ċittadini biex jeżerċitaw id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE tagħhom. L-awtoritajiet pubbliċi, inkluż l-awtoritajiet tal-fruntieri, u n-negozji (bħal ħwienet, banek, utilitajiet, eċċ) jaċċettaw tali dokumenti aktar faċilment. Fl-istess ħin, dan jillimita r-riskju ta' frodi u falsifikazzjoni. F'din il-perspettiva, il-Kummissjoni bħalissa qed tivvaluta opzjonijiet ta' politika differenti, inkluż l-armonizzazzjoni possibbli ta' elementi ta' sigurtà, biex tgħin tirrimedja d-diffikultajiet prattiċi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini u b'hekk tiffaċilita l-moviment liberu tagħhom.[101]

1.9.2. Il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE barra mill-pajjiż

Il-kriżijiet u l-emerġenzi individwali barra mill-pajjiż jistgħu jikkawżaw riskju partikolari u tbatija liċ-ċittadini li ma jkunux jistgħu jilħqu immedjatament lill-awtoritajiet ta' pajjiżhom. Id-dritt tal-UE għall-protezzjoni konsulari[102] huwa garanzija addizzjonali ta' valur kbir għaċ-ċittadini tal-UE li jsibu lilhom infushom fi bżonn ta' għajnuna f'pajjiż barra mill-UE fejn pajjiżhom ma jkunx irrappreżentat. Wara proposta mill-Kummissjoni fl-2011, fl-20 ta' April 2015[103] ġiet adottata Direttiva biex tikkjarifika meta u kif iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jirċievu għajnuna u kif il-pajjiżi tal-UE għandhom jikkoordinaw u jikkooperaw bejniethom u mal-Unjoni biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva għaċ-ċittadini tal-UE li mhumiex rappreżentati. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw dawn ir-regoli sa Mejju 2018. Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-traspożizzjoni korretta u f'waqtha tad-Direttiva. Bl-istess mod, hija qed tkompli tinkludi u tinnegozja klawżoli ta' kunsens fi ftehimiet bilaterali ma' għadd ta' pajjiżi terzi biex tiżgura li dawn jaqblu li l-pajjiżi tal-UE rrappreżentati jagħtu assistenza liċ-ċittadini mhux rappreżentati ta' pajjiżi oħra tal-UE

Il-protezzjoni konsulari tinkludi assistenza f'każ ta' arrest jew detenzjoni jew f'każ ta' aċċident jew mard serju. Iżda l-aktar li ċ-ċittadini tal-UE jkollhom bżonn għajnuna meta jkunu barra mill-UE huwa meta jinsterqilhom il-passaport tagħhom, meta dan jitilfuh, jinqerdilhom jew ma jkunx disponibbli temporanjament. F'dak il-każ huma jkunu jeħtieġu

[99] COM(2016) 790 finali.
[100] Ir-Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE.
[101] It-titjib tas-sigurtà f'dinja ta' mobbiltà: skambju mtejjeb tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fruntieri esterni li jifilħu aktar" (COM(2016) 602 finali); COM (2016) 790 finali.
[102] Li huwa ggarantit mill-Artikoli 20(2)(c) u 23(2) TFUE.
[103] Id-Direttiva tal-Kunsill 2015/2015/UE dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, u li tħassar id-Deċiżjoni 95/553/KE, ĠU L 106, 24.4.2015, pp. 1–13.

dokument tal-ivvjaġġar ta' emerġenza biex ikunu jistgħu jivvjaġġaw lura lejn darhom[104]. Ir-regoli eżistenti fil-livell tal-UE li stabbilixxew format komuni għal tali dokumenti tal-ivvjaġġar ta' emerġenza ilhom fis-seħħ mill-1996[105] u jeħtieġ li jiġu aġġornati[106]. Xi Stati Membri ma jagħmlux użu mill-format komuni minħabba tħassib dwar is-sigurtà. Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltajiet biex timmodernizza **r-regoli dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' emerġenza għaċ-ċittadini tal-UE li mhumiex rappreżentati**, inklużi l-elementi ta' sigurtà tal-format komuni tal-UE ETD, biex tiggarantixxi li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw effettivament id-dritt tagħhom għall-protezzjoni konsulari.

Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li mhumiex ċittadini tal-UE jistgħu jsibu lilhom infushom ukoll f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunux rappreżentati u jkunu jeħtieġu għajnuna mill-awtoritajiet ta' pajjiż ieħor tal-UE meta jivvjaġġaw fl-UE. Dawn iċ-ċirkostanzi bħalissa mhumiex koperti mid-Direttiva u l-Kummissjoni għalhekk se tevalwa s-sitwazzjoni ta' **ċittadini tal-UE mhux rappreżentati u li qed ibatu fl-UE** u tiddetermina jekk hix meħtieġa xi azzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom.[107]

1.10. Il-protezzjoni taċ-ċittadini kollha u l-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni

1.10.1. Il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi u x-xhieda

Miljuni ta' persuni fl-UE jispiċċaw vittmi tal-kriminalità kull sena. Hemm leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ li tiżgura li l-vittmi kollha tal-kriminalità kollha jkollhom drittijiet bażiċi indipendentement minn fejn ikun seħħ ir-reat jew ikunu seħħew il-proċedimenti kriminali fl-UE. Iċ-ċittadini tal-UE issa jgawdu wkoll minn **aċċess aħjar għall-ġustizzja** billi l-Parlament u l-Kunsill għaddew leġiżlazzjoni dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza, dwar is-salvagwardji għat-tfal, u dwar l-għajnuna legali waqt proċedimenti kriminali. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni biex tiżgura li r-regoli tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva tal-2012 dwar id-Drittijiet tal-Vittmi[108] u d-Direttiva tal-2011 kontra t-Traffikar[109] jiġu implimentati b'mod korrett sabiex il-vittmi jkunu jistgħu jiddependu kompletament fuq id-drittijiet tagħhom fil-prattika.

Fir-rigward tal-vjolenza fuq in-nisa b'mod partikolari, kważi l-Ewropej kollha (96 %) jaħsbu li l-vjolenza domestika fuq in-nisa mhix aċċettabbli[110] iżda għadha mifruxa. Il-Kummissjoni qed tniedi sena ta' azzjonijiet iffukati biex testendi l-impenn tagħha biex teqred il-forom

---

[104] Il-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar ta' emerġenza fil-prattika huwa l-aktar forma frekwenti ta' għajnuna mogħtija mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-UE li mhumiex rappreżentati (aktar minn 60 % fil-każijiet kollha).

[105] Id-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1996; ĠU L 168 of 6.7.1996, pp. 4–11.

[106] Anki fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 23(2) TFUE u d-Direttiva 2015/637/UE.

[107] Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni konsulari (l-Artikoli 20(2)(c) u 23 TFUE u d-Direttiva (UE) 2015/637) japplikaw biss barra mill-UE.

[108] Id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU L 315, 14.11.2012, pp. 57-73.

[109] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1).

[110] L-Ewrobarometru Speċjali 449 – Vjolenza abbażi ta' sess – Novembru 2016.

kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u t-tfajliet u biex tnaqqas id-disparità bejn is-sessi[111]. Hija għandha l-għan li tgħaqqad l-isforzi kollha fl-UE kollha u timpenja lill-partijiet ikkonċernati kollha – l-Istati Membri, il-professjonisti rilevanti, u l-NGOs – biex flimkien jiġġieldu l-vjolenza fuq in-nisa. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll għall-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tal-Kunsill tal-Ewropa (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul").

1.10.2. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni

Minkejja l-isforzi biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni, mill-2012 'il hawn kien hemm żieda ċara fl-għadd ta' Ewropej li jgħidu li esperjenzaw xi forma ta' diskriminazzjoni jew fastidju[112]. Sabiex jimtlew il-lakuni fil-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tal-età, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità jew l-orjentazzjoni sesswali, u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi f'termini tal-ugwaljanza mal-Unjoni kollha, huwa vitali li n-negozjati dwar id-Direttiva kontra d-Diskriminazzjoni Orizzontali jiġu konklużi[113].

Bis-saħħa tal-ħidma fil-livelli kollha, il-politiki tal-UE dwar **l-ugwaljanza bejn is-sessi** għenu biex ibiddlu l-ħajjiet ta' ħafna ċittadini Ewropej għall-aħjar[114]. Minkejja dan, jibqa' lok għal titjib f'ċerti oqsma, bħall-paga. L-Ingaġġ Strateġiku ta' bejn l-2016 u l-2019 għall-ugwaljanza bejn is-sessi adottat f'Diċembru 2015 jipprovdi perspettiva komprensiva tal-isforzi ta' kulħadd għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel[115]. Kull sena l-Kummissjoni tagħti wkoll importanza kbira għall-ħtieġa li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn is-sessi fis-Semestru Ewropew[116]. Il-fondi tal-UE ukoll għandhom rwol importanti. Bejn l-2014 u l-2020, huwa stmat li se jintefqu madwar EUR 5,85 biljun fuq miżuri li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex fil-Programm ta' Ħidma għall-2017[117] tistabbilixxi l-proposta tagħha għall-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali u tippreżenta l-inizjattivi relatati, bħall-indirizzar tal-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja li jiffaċċjaw il-familji li jaħdmu[118].

Il-promozzjoni **tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għal-leżbjani, l-omosesswali, il-bisesswali, it-trans, u/jew in-nies intersesswali (LGBTI)** f'qasam ieħor li fih il-Kummissjoni hija impenjata li taġixxi[119]. Sabiex tavvanza l-ugwaljanza tal-LGBTI fl-Ewropa, ippreżentat lista ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati bejn l-2016 u l-2019, fl-oqsma

---

[111] http://europa.eu/rapid/press-release_STATEMENT-16-3945_mt.htm.

[112] L-Ewrobarometru Speċjali 437 – Diskriminazzjoni fl-UE fl-2015 – Ottubru 2015.

[113] COM(2008) 426 finali.

[114] L-Ewropej huma kkonċernati ħafna dwar din il-kwistjoni. Hemm 76 % li jaħsbu li tingħeleb l-inugwaljanza bejn is-sessi għandha tkun prijorità – l-Ewrobarometru Speċjali 428 – l-ugwaljanza bejn is-sessi – Marzu 2015.

[115] SWD(2015) 278 finali.

[116] L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir adottat reċentement qiegħed enfasi qawwi fuq id-differenzi bejn l-impjiegi u l-pagi tal-irġiel u n-nisa, u dawn il-kwistjonijiet kienu preżenti ħafna wkoll fir-Rapporti tal-Pajjiżi tas-Semestru Ewropew u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż.

[117] COM(2016) 710 finali.

[118] L-impatt tal-impjieg tal-filjazzjoni għadu jaffettwa n-nisa ħafna aktar mill-irġiel, b'ħafna nisa, speċjalment ommijiet, ikunu impjegati taħt il-livell tal-ħila tagħhom, jew saħansitra jkunu bla impjieg. Skont l-istatistika tal-Eurostat, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa kienet ta' 63,5 % fl-2014, li huwa 11,5 % taħt il-mira tal-istrateġija Ewropa 2020 għar-rata ta' impjieg totali ta' 75 % għall-irġiel u n-nisa.

[119] Iċ-ċifri dwar in-nuqqas ta' aċċettazzjoni soċjali ta' dan il-grupp huma allarmanti (65 % ta' dawk li wieġbu jħossuhom tajba (54 % komdi, 11 % indifferenti) b'persuna omosesswali, leżbjana jew bisesswali fl-aktar pożizzjoni politika eletta għolja; 21 % qalu li ma jħossuhomx komdi) http://ec.europa.eu/justice/discrimination/files/thematic_factsheet_lgbt_en.pdf.

ta' politika rilevanti kollha għan-nies LGBTI: In-nondiskriminazzjoni, l-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa, l-ażil, id-diskors ta' mibegħda/reat ta' mibegħda, il-politika ta' tkabbir u l-politika barranija.

Il-Kummissjoni qed iġġedded ukoll is-sejħa tagħha għall-impenn biex ittejjeb **l-integrazzjoni ekonomika u soċjali tar-Rom** fl-UE. Fil-qafas tad-djalogu tal-istrateġija Ewropa 2020,[120] il-Kummissjoni Ewropea tisħaq li jridu jsiru aktar sforzi biex tinkiseb l-inklużjoni tar-Rom u li l-istituzzjonijiet Ewropej u kull Stat Membru għandhom ir-responsabbiltà konġunta biex dan jinkiseb[121].

Ħafna mill-Ewropej jaraw ukoll li l-aċċessibilità limitata jew in-nuqqas ta' aċċessibilità għall-prodotti u s-servizzi għan-nies b'diżabilità u l-anzjani hija forma ta' diskriminazzjoni.[122] F'dinja li kuljum qed issir aktar diġitizzata,[123] l-għoti ta spinta **lill-konnettività** għaċ-ċittadini kollha tal-UE hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni skont l-Aġenda Diġitali 2020 u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali. Huwa importanti li s-servizzi onlajn għaċ-ċittadini jkunu akkumpanjati b'mod prestabbilit minn xibka ta' sikurezza għaċ-ċittadini tal-UE f'sitwazzjonijiet vulnerabbli[124].

Il-prijoritajiet għal bejn l-2017 u l-2019: It-tisħiħ tas-sigurtà u l-promozzjoni tal-ugwaljanza

Il-Kummissjoni:

1. Fl-ewwel trimestru tal-2017 se tiffinalizza l-istudju dwar l-opzjonijiet ta' politika biex ittejjeb is-sigurtà **tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza** taċ-ċittadini tal-UE ta' dawk iċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u tal-membri tal-familja tagħhom li mhumiex ċittadini tal-UE[125]. Sal-aħħar tal-2017 il-Kummissjoni se tevalwa l-passi li jmiss u l-opzjonijiet u l-impatti tagħhom fid-dawl ta' inizjattiva leġiżlattiva possibbli.
2. Fl-2017 se tivvaluta kif timmodernizza r-regoli dwar **id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' emerġenza għaċ-ċittadini tal-UE mhux rappreżentati**, inklużi l-elementi ta' sigurtà tal-format komuni tal-UE, biex tiggarantixxi li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt għall-protezzjoni konsulari tagħhom.
3. Bejn l-2016 u l-2017 se tagħmel **kampanja dwar il-vjolenza fuq in-nisa** u tappoġġa b'mod attiv l-adeżjoni tal-Unjoni għall- **Konvenzjoni ta' Istanbul** mal-Istati Membri u tippreżenta proposti biex tindirizza l-isfidi tal- **bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja** għall-familji li jaħdmu.

[120] http://ec.europa.eu/europe2020/index_mt.htm.
[121] Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2016 li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri jistipula l-prijoritajiet tagħha għall-azzjoni f'dan il-qasam, li jinkludu li tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat l-infurzar sħiħ tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, li jiġu appoġġati l-isforzi ta' integrazzjoni tar-Rom mill-Istati Membri u li jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-djalogu fil-livell Ewropew tal-partijiet ikkonċernati kollha.
[122] Ir-rapport Speċjali tal-Ewrobarometru – id-Diskriminazzjoni fl-UE 2012.
[123] http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/eu-egovernment-report-2015-shows-online-public-services-europe-are-smart-could-be-smarter.
[124] Il-validità għall-futur tal-Gvern elettroniku għal Suq Uniku Diġitali, Rapport ta' fehim finali: Ġunju 2015, p. 65. Rigward l-aċċessibilità tas-siti web u l-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku ara wkoll: https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/web-accessibility.
[125] COM(2016) 790 finali.

4. Se taġixxi biex ittejjeb l-aċċettazzjoni soċjali tan-**nies LGBTI** mal-UE kollha billi timplimenta l-lista ta' azzjonijiet biex tavvanza l-ugwaljanza tal-LGBTI u tappoġġa b'mod attiv il-konklużjoni tan-negozjati dwar id-**Direttiva ta' Kontra d-Diskriminazzjoni**[126] orizzontali proposta.

6. KONKLUŻJONI

Fil-produzzjoni ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għamlet użu mill-esperjenzi u l-fehmiet taċ-ċittadini Ewropej, espressi fil-konsultazzjonijiet vasti li għenu jiffurmawha, u semgħet il-ħtiġijiet tagħhom u l-problemi li jiffaċċjaw fil-ħajja tagħhom ta' kuljum meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE. Hija żviluppat il-prijoritajiet ta' bejn l-2017 u l-2019 tagħha abbażi ta' dan, sabiex tiggarantixxi aktar li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tal-UE tagħhom u l-benefiċċji prattiċi li tipprovdi l-UE.

L-għarfien ċiviku u l-parteċipazzjoni demokratika fost iċ-ċittadini tal-UE hija kruċjali, speċjalment qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Il-Kummissjoni temmen li jinħtieġ li jittieħdu passi ulterjuri biex tissaħħaħ il-ħajja demokratika tal-Unjoni.

Il-ħidma tal-Kummissjoni fuq iċ-ċittadinanza tal-UE se tkompli tiffoka fuq l-oqsma ewlenin li jaffettwaw il-benessri taċ-ċittadini Ewropej bl-aktar mod dirett:

- tagħtihom is-setgħa permezz ta' informazzjoni, pariri u parteċipazzjoni demokratika;
- tipproteġihom, tassigura t-trattament ugwali tagħhom fl-UE u tipprovdilhom appoġġ dirett; u
- tissimplifika l-ħajja tagħhom ta' kuljum b'aċċess faċli u onlajn għall-informazzjoni, għajnuna, servizzi ta' riżoluzzjoni ta' problemi u proċeduri onlajn, it-tnaqqis tal-burokrazija, fejn tipproteġihom bħala konsumaturi, ħaddiema u studenti, u tneħħi ostakli oħra biex huma jgawdu d-drittijiet tagħhom.

It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' din l-aġenda mhuwiex kompitu li l-Kummissjoni għandha twettaq weħidha, iżda sforz kollettiv għall-Unjoni kollha.

Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ biex tagħmel iċ-ċittadinanza tal-UE realtà u se taħdem fi sħubija mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, u aktar importanti, iċ-ċittadini nfushom biex twettaq dan.

[126] Ara l-linji gwida tal-President Juncker.

ANNESS

Segwitu għar-Rapport taċ-Ċittadinanza tal-UE tal-2013: progress fl-implimentazzjoni ta' tnax-il azzjoni

Fir-Rapport taċ-Ċittadinanza tal-UE tal-2013, il-Kummissjoni stipulat tnax-il azzjoni biex tittejjeb il-ħajja taċ-ċittadini tal-UE u biex jitneħħew aktar ostakli li ma jħalluhomx igawdu d-drittijiet tal-UE tagħhom. Dan l-anness jippreżenta l-azzjonijiet ewlenin meħuda mill-Kummissjoni biex twettaq l-impenji tagħha għall-2013.

Azzjoni 1: Irrevediet ir-Regolament dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali biex tagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini biex ifittxu impjieg f'pajjiż ieħor tal-UE

Ir-regoli ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-UE jipproteġu d-drittijiet tas-sigurtà soċjali taċ-ċittadini meta dawn jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor. Pereżempju, ir-regoli jiżguraw li individwu jista' jiġi assigurat f'pajjiż wieħed biss f'perjodu partikolari, li l-perjodi ta' assigurazzjoni tiegħu jew tagħha jistgħu jiġu miżjuda ma' perjodi tal-assigurazzjoni ssodisfati f'pajjiż ieħor u li l-benefiċċji jistgħu jitħallsu f'pajjiż ieħor tal-UE.

Wara li ġabret il-fehmiet tal-pubbliku permezz ta' żewġ konsultazzjonijiet (minn Diċembru 2012 sa Marzu 2013 u minn Lulju sa Ottubru 2015), fit-13 ta' Diċembru 2016 l-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tar-regolamenti ta' koordinazzjoni dwar is-sigurtà soċjali[127] sabiex jiġi żgurat li dawn ir-regoli jkomplu jkunu adattati għall-iskop tagħhom, ikunu ċari u ġusti u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' suq tax-xogħol Ewropew aktar wiesa', li jiffunzjona aħjar u aktar ġust. Ir-reviżjoni se tippermetti lill-Istati Membri jipprevjenu u jiġġieldu aħjar il-frodi jew l-abbuż, filwaqt li tiżgura li l-moviment liberu tal-ħaddiema ma jiġix imfixkel. B'dan il-mod, l-inizjattiva se sservi biex tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu taċ-ċittadini billi tiżgura li l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tkun effiċjenti u effettiva.

Ir-reviżjoni taġġorna r-regoli ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-benefiċċji tal-qgħad, il-kura fit-tul, l-aċċess għall-benefiċċji soċjali minn ċittadini ekonomikament inattivi, u l-istazzjonament tal-ħaddiema. Skont il-proposta, dawk li qed ifittxu impjieg jistgħu jieħdu l-benefiċċji tal-qgħad magħhom lejn Stat Membru ieħor għal mill-anqas sitt (6) xhur, minflok il-perjodu attwali ta' tliet (3) xhur. Dan jagħtihom aktar ċans isibu impjieg, u jgħinhom jegħlbu l-qgħad mal-UE kollha u l-ispariġġ fil-ħiliet. Din ir-regola ġdida se tiġi kkombinata ma' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni rinfurzat bħala appoġġ għal dawk li qed ifittxu impjieg, u b'hekk tiżdied il-possibbiltà tal-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Azzjoni 2: Għenet liċ-ċittadini żgħażagħ tal-UE biex dawn jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jidħlu fis-suq tax-xogħol permezz tal-iżvilupp ta' qafas ta' kwalità għal traineeships

[127] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tad-29 ta' April2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, ĠU L 166, 30.4.2004, pp. 1-123 u r-Regolament tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ĠU L 284, 31.10.2009, pp. 1-42; COM(2016) 815 finali.

F'Marzu 2014 il-Kunsill, waqt li aġixxa fuq proposta mill-Kummissjoni, adotta Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships[128] biex jippermetti li t-trainees jiksbu esperjenza tax-xogħol ta' kwalità għolja skont kundizzjonijiet sikuri u ġusti, u biex iżid iċ-ċansijiet tagħhom biex isibu impjieg ta' kwalità tajba. Il-Kummissjoni kkonsultat firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi negozji żgħar, sabiex tiżgura li l-Qafas ma jkunx la preskrittiv ħafna u lanqas ta' piż eċċessiv. Il-Qafas iżid it-trasparenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-traineeship, pereż. billi jitlob li t-traineeships ikunu bbażati fuq ftehim ta' traineeship bil-miktub. Il-Kummissjoni qed tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Qafas fl-Istati Membri kollha.

Barra milli tappoġġa liċ-ċittadini żgħażagħ tal-UE jiżviluppaw ħiliet u jidħlu fis-suq tax-xogħol, il-Kummissjoni nediet is-sit web "L-ewwel impjieg EURES tiegħek". Fil-fażi inizjali tiegħu, "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" jimmira li jtejjeb il-mobbiltà transfruntiera għal 5 000 persuna[129]. Dan is-sit web se jgħin liż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-35 sena miż-Żona Ekonomika Ewropa biex ifittxu impjieg, traineeship jew apprendistat f'pajjiż ieħor. L-impjegaturi jistgħu wkoll isibu kandidati xierqa f'pajjiż ieħor tal-UE għall-pożizzjonijiet vakanti li jsibu li huma diffiċli biex jimtlew.

Azzjoni 3: Ħadmet fuq soluzzjonijiet għat-tneħħija ta' ostakli li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jgħixu f'pajjiż tal-UE barra minn pajjiżhom fir-rigward tad-dokumenti tal-identità u residenza maħruġa mill-Istati Membri

Tard fl-2015 il-Kummissjoni nediet studju komprensiv dwar il-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom, liċ-ċittadini mobbli tal-UE u lill-membri tal-familja tagħhom li jirrisjedu fit-territorju tagħhom[130].

Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni dwar is-sigurtà tad-dokumenti li jistipula l-azzjonijiet speċifiċi biex tittejjeb is-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, inkluża dik tal-karti tal-identità nazzjonali maħruġa mill-Istati Membri u tad-dokumenti ta' residenza għall-persuni nazzjonali tal-UE li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u tal-membri tal-familja tagħhom[131].

Azzjoni 4: Ippromwoviet l-aħjar prattika tat-taxxa f'sitwazzjonijiet transfruntieri u tiżgura l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE sabiex tkun aktar faċli għaċ-ċittadini tal-UE biex dawn jiċċaqilqu jew joperaw minn naħa għal oħra tal-fruntiera biex jittrattaw settijiet differenti ta' regoli tat-taxxa

Sabiex tidentifika liema problemi tat-taxxa, f'każ li jkun hemm, iċ-ċittadini tal-UE jiffaċċjaw meta jiċċaqilqu jew joperaw minn naħa għal oħra tal-fruntiera, il-Kummissjoni nediet studji biex teżamina l-prattiki amministrattivi transfruntieri attwali tal-Istati Membri[132] u biex teżamina jekk u safejn il-kontribwenti li joperaw minn naħa għal oħra tal-fruntiera jiffaċċjaw spejjeż tal-konformità mar-regoli tat-taxxa ogħla minn dawk ta' kontribwenti li joperaw fi

[128] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar il-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships, ĠU C 88, 27.3.2014, pp. 1-4.
[129] http://euxtra.com/en/2012/05/22/your-first-eures-job/.
[130] Studju biex jappoġġa t-tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt dwar l-inizjattivi ta' politika tal-UE dwar id-dokument ta' residenza u identità sabiex jiffaċilita t-tħaddim tad-dritt tal-moviment liberu.
[131] COM(2016) 790 finali.
[132] http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/common/publications/studies/study_cross_border_tx_obstacles_final_report.pdf.

Stat Membru uniku[133]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti privat biex jeżamina t-taxxa personali transfruntiera u l-problemi tat-taxxa tal-wirt u biex jidentifika soluzzjonijiet possibbli. Il-grupp ippubblika l-konklużjonijiet tiegħu f'żewġ rapporti[134]. Bħala l-problemi ewlenin f'sitwazzjonijiet transfruntieri, huwa enfasizza t-tassazzjoni doppja, il-kumplessitajiet amministrattivi ta' trattament ma' żewġ awtoritajiet tat-taxxa jew aktar, id-diffikultajiet fil-ksib ta' informazzjoni suffiċjenti mill-awtoritajiet tat-taxxa differenti involuti, u d-diskriminazzjoni bħala l-problemi ewlenin f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Il-Kummissjoni tista' u se tkompli tieħu azzjoni legali biex tegħleb il-problemi ta' diskriminazzjoni tat-taxxa. Sabiex tindirizza dawn il-problemi, hija se tippromwovi modi prammatiċi, inkluż billi tħeġġeġ l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni ta' problemi tas-Suq Intern eżistenti bħas-SOLVIT, billi tħeġġeġ l-adozzjoni usa' tal-aqwa prattiki tat-taxxa transfruntieri u billi tħeġġeġ il-kooperazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-kontribwenti b'mod partikolari sabiex tiżgura li l-kontribwenti jkollhom informazzjoni adegwata dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

Azzjoni 5: Stabbilixxiet "pjattaforma ta' informazzjoni dwar il-vetturi" li tiffaċilita r-rikonoxximent taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali, li tagħmilha aktar faċli u aktar sikura għaċ-ċittadini biex jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor tal-UE

Id-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom daħlet fis-seħħ fit-3 ta' April 2014[135]. Fil-qafas tal-"Pakkett tal-Affidabbiltà Stradali", ġew adottati żewġ Direttivi oħra: Id-Direttiva 2014/46/UE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi li abbażi tagħha d-dejta ta' vetturi rreġistrati għandha tinżamm f'reġistru elettroniku u l-awtorizzazzjoni għall-użu fit-traffiku tat-triq ta' vettura li tikkostitwixxi riskju immedjat għas-sikurezza stradali tiġi sospiża; u d-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali, li toħloq profili tar-riskju tal-operaturi, tirregola aħjar l-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq (anki bl-esklużjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tas-sewwieq jew tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura) u tinkludi l-verifiki mal-ġenb tat-triq dwar il-protezzjoni tal-merkanzija.

Azzjoni 6: Iffaċilitat il-mobbiltà tal-persuni b'diżabilità fl-UE billi appoġġat, fl-2014, l-iżvilupp ta' karta tad-diżabilità tal-UE b'rikonoxximent reċiproku biex tiżgura l-aċċess ekwu fl-UE għal ċerti benefiċċji speċifiċi (l-aktar fl-oqsma tat-trasport, it-turiżmu, il-kultura u r-rikreazzjoni).

Ir-rata ta' impjieg fost il-persuni b'diżabilità hija baxxa (bħalissa madwar 48 %) u terz minnhom huma fir-riskju tal-faqar. Barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw problemi prattiċi meta jivvjaġġaw lejn pajjiż ieħor tal-UE, minħabba li pereżempju l-karti tad-diżabilità tagħhom jew l-istatus tagħhom mhux dejjem jiġu rikonoxxuti. Għalhekk il-Kummissjoni mexxiet 'il quddiem il-proġett tal-Karta tad-Diżabilità tal-UE biex tappoġġa r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità. Fi studju ddedikat (2010), in-Netwerk

---

133 http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/common/publications/studies/study_compliance_cts_final_report.pdf.

134 http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/individuals/expert_group/index_en.htm.

135 Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE, ĠU L 127, 29.4.2014, pp. 51-128.

Akkademiku Ewropew ta' Esperti dwar id-Diżabilità wera d-diversità tal-benefiċċji pprovduti fl-Istati Membri li jsegwu kriterji ta' eliġibbiltà differenti.

Fi stadju inizjali, il-Kummissjoni għamlet EUR 1,5 miljun disponibbli lill-Istati Membri u nediet sejħa għall-proġetti fl-2015 biex tiffaċilita l-istabbiliment ta' Karta tad-Diżabilità tal-UE rikonoxxuta b'mod reċiproku[136]. Qed tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju lill-ħmistax-il Stat Membru parteċipant u nediet fażijiet differenti tal-karta. Għall-proġett applikaw u ntgħażlu tmien pajjiżi: Il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, Malta, is-Slovenja u r-Rumanija. Il-proġetti nbdew fi Frar 2016 u se jdumu 18-il xahar.

Il-Karta tad-Diżabilità tal-UE, li se jkollha disinn komuni, se tiżgura aċċess ugwali għal ċerti benefiċċji speċifiċi, l-aktar fl-oqsma tal-kultura, ir-rikreazzjoni, l-isport u t-trasport. Il-Karta se tkun rikonoxxuta b'mod reċiproku bejn il-pajjiżi tal-UE li jipparteċipaw fis-sistema fuq bażi volontarja. Il-Karta ma tibdilx il-kriterji jew ir-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali. L-Istati Membri jżommu d-diskrezzjoni tagħhom biex jiddeċiedu min hu eliġibbli għall-Karta, billi jużaw id-definizzjoni nazzjonali ta' diżabilità, u biex jiddeterminaw il-proċedura tal-ħruġ.

Azzjoni 7: Ipproponiet pakkett ta' strumenti legali biex issaħħaħ iktar id-drittijiet proċedurali taċ-ċittadini meta jkun hemm suspett dwarhom jew jiġu akkużati fi proċedimenti kriminali, filwaqt li tqis is-sitwazzjonijiet speċifiċi tat-tfal u taċ-ċittadini vulnerabbli

Fis-27 ta' Novembru 2013 il-Kummissjoni adottat pakkett ta' ħames miżuri biex issaħħaħ aktar is-salvagwardji proċedurali għaċ-ċittadini fi proċedimenti kriminali. It-tliet Direttivi proposti mill-Kummissjoni ġew adottati fl-2016:

- Id-Direttiva dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza tistabbilixxi l-istandards komuni ta' dan il-prinċipju u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess[137].
- Id-Direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali speċjali għat-tfal fi proċedimenti kriminali se ttejjeb konsiderevolment l-istandards Ewropej dwar il-ġustizzja tal-minorenni[138].
- Id-Direttiva dwar l-għajnuna legali se tiżgura li d-dritt ta' aċċess għal avukat huwa dritt effettiv anki għal dawk li ma jistgħux jaffordjaw avukat b'mod partikolari fl-istadji bikrija tal-proċedimenti meta l-persuni suspettati jiġu interrogati mill-pulizija[139].

L-implimentazzjoni fl-Istati Membri għadha għaddejja.

[136] VP/2015/012 Sejħa għal proposti għall-appoġġ ta' proġetti nazzjonali dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE rikonoxxuta b'mod reċiproku u l-benefiċċji assoċjati. http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catld=629.

[137] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1-11, li daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2016.

[138] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1-20, li daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Ġunju 2016.

[139] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1-8, li daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Novembru 2016.

Il-Kummissjoni adottat ukoll żewġ rakkomandazzjonijiet dwar salvagwardji speċjali għal persuni suspettati vulnerabbli fi proċedimenti kriminali (2013/C 738/02) u dwar l-għajnuna legali fi proċedimenti kriminali (2013/C 378/03).

Azzjoni 8: Irrevediet il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar biex tiffaċilita r-riżoluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tax-xiri f'pajjiż ieħor tal-UE

F'Novembru 2013 il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar sabiex tipproteġi u tinforma aħjar liċ-ċittadini tal-UE li għadhom qed jesperjenzaw problemi meta jixtru onlajn.[140]

Ir-Regolament il-ġdid ġie adottat lejn l-aħħar tal-2015 u se jidħol fis-seħħ f'Lulju 2017[141] , u b'hekk iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għal talbiet ta' valur li jlaħħaq il-EUR 5 000. Dawn il-bidliet u oħrajn se jagħmlu l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għodda aktar rapida u rħisa għall-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur u l-irkupru transfruntier tad-dejn.

Azzjoni 9: Żviluppat mudell għall-wiri onlajn ta' rekwiżiti ewlenin biex tagħmel l-informazzjoni fuq prodotti diġitali aktar ċara u aktar faċli biex tiġi mqabbla u nediet kampanja ta' sensibilizzazzjoni ddedikata mal-UE kollha dwar id-drittijiet tal-konsumatur

Permezz tal-Kampanja ta' Sensibilizzazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur[142] il-Kummissjoni informat liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom skont il-liġi tal-konsumatur tal-UE u minn fejn jistgħu jiksbu aktar informazzjoni, pariri jew għajnuna f'każ ta' mistoqsijiet jew problemi (il-portal L-Ewropa Tiegħek,[143] l-ECC-NET eċċ.). Il-kampanja, li damet għaddejja mir-rebbiegħa tal-2014 sa Marzu 2016, immirat li żżid l-għarfien ġenerali tal-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi mal-UE kollha. Kien hemm enfasi partikolari fuq id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur,[144] id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti,[145] id-Direttiva dwar Termini tal-Kuntratt Inġusti[146] u d-Direttiva dwar il-Garanziji u l-Bejgħ tal-Konsumatur[147].

[140] Il-konsultazzjoni pubblika tal-2012 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE tenfasizza li wieħed minn kull erbgħa minn dawk li wieġbu ltaqgħu ma' problemi meta xtraw onlajn.

[141] Ir-Regolament (UE) 2015/2421 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea ġiet ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-24 ta' Diċembru 2015, ĠU L 341 of 24.12.2015, pp. 1-13.

[142] http://ec.europa.eu/justice/newsroom/consumer-marketing/events/140317_en.htm.

[143] http://europa.eu/youreurope/citizens/consumers/index_mt.htm.

[144] Id-Direttiva 2011/83/UE tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumatur, ĠU L 304, 22.11.2011, pp. 64-88.

[145] Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern, ĠU L 149, 11.6.2005, pp. 22-35.

[146] Id-Direttiva 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, ĠU L95, 21.4.1993, pp. 29-34.

[147] Id-Direttiva 99/44/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, ĠU L 171, 7.7.1999, pp. 12-16.

Azzjoni 10: Ħadet azzjonijiet biex tiżgura li l-amministrazzjonijiet lokali jingħataw l-għodod biex jifhmu kompletament id-drittijiet għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE

Il-Kummissjoni qed tniedi għodda ta' taħriġ elettroniku dwar id-drittijiet għall-moviment liberu tal-UE. Din l-għodda, li ġiet żviluppata f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, hija disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE. Hija se tgħin lill-front desks li għandhom rwol ewlieni fl-infurzar tad-drittijiet għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-amministrazzjonijiet lokali, biex jifhmu aħjar id-drittijiet u l-obbligi assoċjati mad-drittijiet għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u b'hekk tittejjeb l-applikazzjoni prattika tar-regoli tal-UE. Din l-applikazzjoni aħjar għandha tnaqqas il-problemi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom meta jmorru jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE, fir-rigward tad-drittijiet ta' residenza tagħhom, il-benefiċċji tal-assistenza soċjali, id-diskriminazzjoni, l-aċċess għall-edukazzjoni eċċ.

L-amministrazzjonijiet lokali se jkunu jistgħu jiksbu u jittestjaw l-għarfien tagħhom dwar id-drittijiet u l-proċeduri stipulati fil-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE. L-Istati Membri jistgħu jżidu l-informazzjoni li huma jqisu relevanti dwar it-traspożizzjoni nazzjonali u l-implimentazzjoni tar-regoli.

Azzjoni 11: Għamlitha aktar ċara u aktar faċli għaċ-ċittadini biex ikunu jafu lil min jistgħu jikkonsultaw sabiex isibu rimedju għad-drittijiet tagħhom bil-provvista ta' gwida faċli għall-utenti dwar is-sit web ċentrali Europa

Il-Kummissjoni nediet għodda onlajn[148] fuq is-sit web ċentrali tagħha Europa biex tiggwida liċ-ċittadini lejn l-aktar servizz xieraq biex tgħinhom isolvu l-problema tagħhom. Dan jista' jkun jew fil-livell tal-UE (servizzi ta' assistenza tal-UE jew istituzzjonijiet), fil-livell nazzjonali jew lokali[149].

L-għodda l-ġdida issa ġiet stabbilita biex tissodisfa l-ħtiġijiet konkreti jew twieġeb il-mistoqsijiet taċ-ċittadini. Pereżempju, iċ-ċittadini jistgħu jiksbu gwida dwar kif jikkonvinċu lil awtorità pubblika f'pajjiż ieħor tal-UE biex tirrispetta d-drittijiet tal-UE tagħhom, id-drittijiet tas-sigurtà soċjali (inklużi benefiċċji tal-familja, kura tas-saħħa urġenti, pensjonijiet) u d-drittijiet ta' residenza, dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tagħhom, ir-reġistrazzjoni tal-vetturi tagħhom u l-iskambju tal-liċenzji tas-sewqan tagħhom. Iċ-ċittadini jistgħu jiksbu wkoll informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumatur tagħhom,[150] kif jiksbu għajnuna jekk jiffaċċjaw diskriminazzjoni, kif jilmentaw dwar trattament inġust minn korp tal-UE, kif jirrappurtaw ksur ta' liġi tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali jew kif jiksbu assistenza konsulari meta jkunu barra mill-UE f'pajjiż fejn pajjiżhom ma jkollu l-ebda

[148] http://ec.europa.eu/your-rights/help/individuals/.

[149] Possibbiltà waħda li ċ-ċittadini għandhom biex isolvu l-problemi huwa permezz tal-medjazzjoni effettiva jew ta' metodi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim alternattivi. Id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni tipprovdi qafas tal-UE li jippermetti liċ-ċittadini tal-UE jibbenefikaw kompletament mill-medjazzjoni bħala mezz ta' riżoluzzjoni tat-tilwim tagħhom, kemm jekk dawn ikunu ta' natura tal-liġi kummerċjali u kif ukoll jekk dawn ikollhom x'jaqsmu mal-liġi tal-familja (Id-Direttiva 2008/52/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 136, 24.5.2008, pp. 3-8). Fl-2016, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva (COM(2016) 542 finali).

[150] Ix-xiri ta' prodotti/servizzi fil-pajjiż fejn jgħixu ċ-ċittadini, ix-xiri ta' prodotti/servizzi f'pajjiż ieħor tal-UE, ilment straġudizzjarju ma' bank, kumpanija tal-assigurazzjoni, fond ta' investiment eċċ., it-twettiq/ir-riċeviment ta' pagamenti barra minn pajjiżhom fl-UE jew tilwim straġudizzjarju fir-rigward ta' prodotti mixtrija onlajn.

missjoni diplomatika.[151] Fl-2015, il-paġna web kellha 11 079 viżitatur, numru li jirrappreżenta żieda ta' 86,8 % fuq is-sena ta' qabel.

Il-Kummissjoni diġà toffri informazzjoni multilingwi faċli għall-utent dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE[152] u tistinka biex tagħmel l-informazzjoni fuq il-paġni web tagħha aktar faċli biex tinstab u tgħin liċ-ċittadini jifhmu aħjar x'tagħmel. Bħalissa qed timplimenta l-Programm ta' Trasformazzjoni Diġitali tagħha,[153] li jfittex li jippreżenta informazzjoni rilevanti b'mod faċli għall-utent.

Azzjoni 12 (1): Ippromwoviet is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE tagħhom, u b'mod partikolari d-drittijiet elettorali tagħhom, billi f'Jum l-Ewropa f'Mejju 2014 nediet manwal li jippreżenta dawk id-drittijiet tal-UE f'lingwa sempliċi u ċara

Fl-2014 il-Kummissjoni ħarġet manwal bl-isem "*Kont taf li? Daqqa t'għajn lejn 10 drittijiet tal-UE*"[154] u verżjoni ġdida aġġornata tal-manwal tagħha "*L-Ewropa Tiegħek - Id-Drittijiet Tiegħek*" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, biex iżżid l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE[155]. Dawn il-pubblikazzjonijiet ġew distribwiti b'mod wiesa', inkluż permezz tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u ċ-Ċentri tal-Informazzjoni tal-Europe Direct. Huma jispjegaw b'lingwa faċli għall-qarrej xi drittijiet speċifiċi taċ-ċittadini tal-UE, bħal li tkun tista' tirritorna prodotti difettużi ordnati onlajn, li tibbenefika minn spejjeż tar-roaming baxxi jew il-ksib ta' kumpens għal titjiriet imħassra. Jiġu ppreżentati sitwazzjonijiet reali, inkluża l-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet Ewropej u lokali, iċ-ċittadini jsemmgħu leħinhom u ċ-ċittadini jeżerċitaw id-drittijiet għall-moviment liberu tagħhom, id-dritt li jirċievu l-kura tas-saħħa neċessarja fi kwalunkwe pajjiż tal-UE u d-drittijiet tal-konsumatur u tal-ivvjaġġar tagħhom. Huma jispjegaw ukoll kif tikkuntattja lill-UE bil-lingwa tiegħek u tikseb informazzjoni u għajnuna dwar id-drittijiet tal-UE.

Azzjoni 12 (2): Ipproponiet mezzi kostruttivi biex tippermetti liċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE jipparteċipaw kompletament fil-ħajja demokratika tal-UE billi jżommu d-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet nazzjonali fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom

Bħalissa ħames Stati Membri (id-Danimarka, l-Irlanda, Ċipru, Malta u r-Renju Unit) għandhom regoli fis-seħħ fejn iċ-ċittadini jistgħu jitilfu d-drittijiet tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet nazzjonali, sempliċiment minħabba li jkunu eżerċitaw id-dritt għall-moviment liberu fl-UE. Filwaqt li skont it-Trattati tal-UE l-Istati Membri huma kompetenti biex jiddeterminaw min jista' jibbenefika mid-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet nazzjonali, il-prattiki tat-tneħħija tad-dritt għall-vot jistgħu jaffettwaw id-drittijiet għall-moviment liberu tal-UE b'mod negattiv.

[151] Jekk pereżempju l-passaport jintilef jew jinsteraq, f'każ ta' aċċident serju, mard jew mewt jew reat vjolenti, arrest jew detenzjoni, sokkors waqt emerġenza/ripatrijazzjoni.

[152] http://europa.eu/youreurope/citizens/index_mt.htm

[153] http://ec.europa.eu/ipg/basics/web_rationalisation/index_en.htm. Il-programm se jiġi implimentat gradwalment sal-aħħar tal-2017.

[154] http://ec.europa.eu/justice/citizen/files/10_eu_rights_en.pdf.

[155] http://bookshop.europa.eu/mt/your-europe-your-rights-pbKM0214968/.

Fid-29 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni[156] li tistieden lill-Istati Membri inkwistjoni jippermettu lill-persuni nazzjonali tagħhom jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għall-moviment liberu biex iżommu d-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet nazzjonali, jekk juru interess kontinwu fil-ħajja politika ta' pajjiżhom, inkluż billi japplikaw biex jibqgħu fil-lista elettorali. Il-Kummissjoni rrakkomandat ukoll li dawk l-Istati Membri jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom b'mod f'waqtu u xieraq dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi għaż-żamma tad-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet nazzjonali. Hija qed tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni f'dawn l-Istati Membri.

Azzjoni 12 (3): Esplorat modi ta' tisħiħ u żvilupp tal-ispazju pubbliku Ewropew

Il-Kummissjoni qed tiffinanzja u tikkofinanzja l-produzzjoni jew it-tixrid tal-prodotti multimedjali (radju, TV, internet, eċċ.) permezz tal-midja Ewropea – filwaqt li tirrispetta kompletament l-indipendenza editorjali tax-xandara – fi sħubija max-xandara, bħall-Euronews, f'diversi lingwi. Hija qed tipproduċi u xxandar ukoll programmi Ewropej f'sitt lingwi differenti u tiffinanzja magazins bit-tema tal-UE.

[156] L-indirizzar tal-konsegwenzi tat-tneħħija tad-dritt għall-vot liċ-ċittadini tal-Unjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet tal-moviment liberu tagħhom (COM(2014) 391 finali).